# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1246

**tat-23 ta' Novembru 2018**

**dwar l-allegata għajnuna mill-istat SA.35905(2016/C) (ex 2015/NN)(ex 2012/CP) — il-Belġju Konċessjonarji attivi fil-Port ta' Antwerp**

*(notifikata bid-dokument C(2018) 7690)*

**(It-testi bl-Olandiż u bil-Franċiż biss huma awtentiċi)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq ([1]) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom

Billi:

## 1. PROĊEDURA

(1) Fis-17 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet ilment li tressaq minn Katoen Natie NV ("l-Ilmentatur" jew "KN") dwar allegata għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Belġju lil żewġ konċessonarji ta' terminals attivi fil-Port ta' Antwerp, jiġifieri: PSA Antwerp NV ("PSA") ([2]) u Antwerp Gateway NV ("AG"). Fl-4 u s-7 ta' Jannar 2013, l-Ilmentatur ipprovda lis-servizzi tal-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali dwar l-allegata għajnuna.

(2) Fid-29 ta' Jannar 2013, l-ilment intbagħat lill-Belġju għal kummenti. Permezz ta' ittra tat-8 ta' April 2013, il-Belġju informa lis-servizzi tal-Kummissjoni li, fil-fehma tiegħu, il-miżura soġġetta għall-ilment ma kinitx tinvolvi għajnuna illegali. Il-Belġju pprovda informazzjoni addizzjonali fil-11 ta' Lulju 2013.

(3) B'ittra datata t-12 ta' Lulju 2013, is-servizzi tal-Kummissjoni sussegwentement talbu aktar informazzjoni mill-Belġju, li għaliha l-Belġju wieġeb fit-2 ta' Settembru 2013. Wara t-talba mis-servizzi tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2014, il-Belġju pprovda kjarifiki addizzjonali fis-6 ta' Marzu 2014, fl-1 u fl-24 ta' April 2014 kif ukoll fid-19 ta' Mejju 2014.

(4) Fil-11 ta' Awwissu 2014, is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu ittra ta' valutazzjoni preliminari lill-Ilmentatur u stqarrew li *prima facie* l-miżura soġġetta għall-ilment ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Bl-istess ittra l-kummenti tal-Belġju dwar l-ilment intbagħtu lill-Ilmentatur.

(5) B'ittra datata d-9 ta' Settembru 2014, l-Ilmentatur ikkontesta l-evalwazzjoni preliminari tas-servizzi tal-Kummissjoni u pprovda informazzjoni lill-Kummissjoni dwar fatti ġodda tal-każ. Fis-7 ta' Jannar 2015, il-Belġju pprovda kummenti dwar l-elementi l-ġodda pprovduti mill-Ilmentatur.

([1]) ĠU C 104, 18.3.2016, p. 17.
([2]) Kwalunkwe referenza għal PSA għandha tinftiehem li tirreferi, jew għal PSA Antwerp NV jew, skont il-każ, għas-suċċessur legali tagħha PSA DGD.

(6) Permezz ta' ittra datata t-18 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni għarrfet lill-Belġju li kienet iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). B'segwitu għall-bidu tal-proċedura, il-Belġju bagħat kummenti fil-15 ta' Marzu 2016. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ("id-Deċiżjoni tal-Ftuħ") kienet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]) fit-18 ta' Marzu 2016. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom.

(7) Bejn it-18 ta' April u t-3 ta' Mejju 2016, tliet partijiet interessati ppreżentaw il-kummenti tagħhom lis-servizzi tal-Kummissjoni. Fl-20 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni bagħtet il-kummenti tal-partijiet interessati lill-Belġju. Il-Belġju wieġeb għal dawk il-kummenti fil-15 ta' Ġunju 2016.

(8) Fit-23 ta' Ġunju 2016, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu aktar informazzjoni mill-Belġju, li ġiet ipprovduta fid-19 u d-29 ta' Awwissu 2016.

(9) Fl-10 ta' Ottubru 2016, AG ppreżenta sottomissjoni lis-servizzi tal-Kummissjoni.

(10) Fl-20 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni talbet ukoll aktar informazzjoni mill-awtoritajiet Belġjani, li ġiet ipprovduta fis-16 ta' Diċembru 2016.

(11) Fl-20 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni talbet ukoll aktar informazzjoni mill-Belġju, li ġiet ipprovduta fil-21 ta' Marzu 2017.

(12) B'konnessjoni ma' laqgħa mas-servizzi tal-Kummissjoni, li saret fit-2 ta' Marzu 2017, l-Ilmentatur ippreżenta sottomissjoni datata t-2 ta' Marzu 2017.

(13) Fis-7 ta' Marzu 2017, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu aktar informazzjoni mill-Belġju, li ġiet ipprovduta fil-5 u l-20 ta' April 2017.

(14) B'ittri datata l-4 ta' Awwissu 2017, is-servizzi tal-Kummissjoni fittxew informazzjoni mingħand PSA u AG, li kull wieħed minnhom ipprovda fil-15 ta' Settembru 2017.

(15) Fit-13 ta' Novembru 2017, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu aktar informazzjoni mill-Belġju, li ġiet ipprovduta fl-1, fl-4 u fl-14 ta' Diċembru 2017.

(16) Fis-16 ta' Lulju 2018, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu aktar informazzjoni mill-Belġju, li ġiet ipprovduta fit-18 u fis-27 ta' Lulju u fl-10 ta' Awwissu 2018.

## 2. **SFOND U DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI**

(17) Fl-2004, wara sejħa għall-offerti pubblika, l-Awtorità tal-Port ta' Antwerp (Gemeentelijk Havenbedrijf Antwerpen, "il-GHA") ikkonkludiet kuntratti ta' konċessjoni ([4]) ma' PSA u AG għal perjodu ta' 42 sena għall-operazzjoni ta' servizzi ta' trasbord ta' kontejners fit-terminal Deurganckdok il-ġdid tal-port ("DGD").

(18) Il-kuntratti pprevedew rekwiżiti ta' tunnellaġġ minimu ("MTRs"), imkejla f'Unitajiet Ekwivalenti ta' Għoxrin pied ("TEU"), li l-iskop tagħhom huwa li jipprevjeni l-konċessjonarji milli jżommu wieqfa ż-żoni attribwiti lilhom.

([3]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.

([4]) L-espressjoni "kuntratti ta' konċessjoni", użata f'din id-deċiżjoni għal raġunijiet ta' leġibbiltà, ma tippreġudikax jekk dawk il-kuntratti humiex kuntratti ta' konċessjoni ġenwini jew le fit-tifsira tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

L-MTRs għad-DGD ġew gradwalment introdotti matul fażi tal-bidu li damet sal-2012 ([5]). Minn dakinhar, l-MTRs kellhom jiġu ffissati. Fejn il-konċessjonarji ma kinux jissodisfaw l-MTRs previsti, huma kienu kuntrattwalment obbligati jħallsu penali/kumpens lill-GHA. Il-konċessjonijiet ipprevedew ukoll il-possibbiltà li jiġu terminati qabel l-iskadenza stabbilita mill-GHA f'każ ta' użu dgħajjef manifest mill-konċessjonarju jew f'każ ta' insolvenza ta' konċessjonarju.

(19) It-traffiku tal-kontejners fl-hekk imsejħa żona Hamburg-Le Havre ([6]) naqas bi 15,8 % mill-2008 sal-2009, u fl-akbar ħames portijiet (Rotterdam, Antwerp, Hamburg, Bremen u Le Havre) f'dik iż-żona b'16,3 % ([7]). Dan it-tnaqqis fit-traffiku jirrifletti l-impatt tal-kontrazzjoni ekonomika globali osservata mill-2008 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kriżi") fiż-żona ta' Hamburg-Le Havre. F'Antwerp, it-traffiku tal-kontejners naqas ukoll b'16,3 %. Fid-DGD, it-traffiku naqas bi 38,6 % b'mod ġenerali (b'37,7 % għal PSA u b'39,9 % għal AG). PSA u AG ma kinux aktar kapaċi jissodisfaw l-MTRs rispettivi tagħhom li kienu għadhom qed jiżdiedu minn sena għal oħra minħabba l-mekkaniżmu ta' introduzzjoni gradwali. Konsegwentement, huma kienu kuntrattwalment obbligati jħallsu kumpensi lill-GHA, madankollu l-ebda kumpens ma nġabar mill-2009 sal-2012.

(20) Wara skambju ta' posta elettronika bejn il-GHA u AG f'Diċembru 2009, saru diskussjonijiet fir-rigward tat-tnaqqis tal-MTRs oriġinali. F'dan il-kuntest, il-GHA inizjalment issuġġerixxiet li tnaqqas l-MTRs oriġinali bir-rata ta' tnaqqis osservata fiż-żona ta' Hamburg-Le Havre f'dik is-sena (jiġifieri: 15,8 %) ([8]). Minn Frar 2011, il-GHA fakkret b'mod ripetut lil PSA u AG dwar l-MTRs li ma ntlaħqux u talbet l-opinjoni tagħhom. PSA u AG indikaw f'diversi tweġibiet ([9]) l-importanza tagħhom għall-iżvilupp tal-port ([10]), taw ħjiel dwar il-possibbiltà li jiċċaqalqu lejn portijiet oħra ([11]), u dwar l-impatt tal-Kriżi. Barra minn hekk, kemm PSA kif ukoll AG ppreżentaw ukoll opinjonijiet legali mill-konsulenti tagħhom, u spjegaw għalfejn il-klawżoli ta' penali ma kinux applikabbli jew ma kinux infurzabbli ([12]). Dawk l-argumenti ntużaw aktar tard kemm minn PSA kif ukoll minn AG f'tilwim ta' arbitraġġ kontra l-GHA ([13]).

(21) Kif imsemmi fil-premessa 1, fis-17 ta' Diċembru 2012, KN ippreżenta lment lill-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' infurzar tal-ħlasijiet ta' kumpens dovuti minn PSA u AG għall-MTRs li ma ntlaħqux. Fl-1992, il-GHA kkonkludiet kuntratt ta' konċessjoni ma' KN. Fl-1998, l-MTRs ġew introdotti fil-kuntratt ta' konċessjoni ta' KN. KN naqas milli jilħaq l-MTRs fis-sena 2009. Il-GHA naqqset il-kumpens dovut kuntrattwalment lil KN (bħalma għamlet fir-rigward ta' operaturi oħra tat-terminal fil-kuntest tal-Kriżi), jiġifieri minflok madwar EUR [180 000 — 250 000] (*), KN kellu jħallas EUR [7 500 — 9 000] għas-sena 2009 (u għas-sena 2009 biss).

(22) Fis-26 ta' Marzu 2013, il-GHA ddeċidiet li taġġusta mill-ġdid il-ftehimiet ta' konċessjoni ma' PSA u AG ("id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013"). Id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 kienet tinvolvi dan li ġej:

**Miżura 1 (applikabbli għal PSA u AG) — ara t-Tabelli** ([14]) **1 u 2 hawn taħt:** Miżura 1 ([15]) tikkonsisti mit-tnaqqis tal-pagamenti ta' kumpens dovuti minn PSA u AG billi naqsu milli jissodisfaw l-MTRs b'effett retroattiv mill-2009 skont ir-"regola 75/125" iddeterminata mill-GHA. Skont din ir-regola, l-MTRs ġew aġġustati biż-żieda

([5]) Fil-każ ta' PSA, l-MTRs ġew stabbiliti f'dawn il-livelli: fl-2008 – 1 010 183 TEU, fl-2009 – 1 522 103 TEU; fl-2010 – 2 034 023 TEU; fl-2011 – 2 447 751 TEU; mill-2012 sal-aħħar tal-konċessjoni – 2 559 600 TEU. Fil-każ ta' AG, il-MTRs ġew stabbiliti f'dawn il-livelli: fl-2008 – 665 208 TEU; fl-2009 – 1 023 583 TEU; fl-2010 – 1 383 208 TEU; fl-2011 – 1 595 167 TEU; mill-2012 – 1 755 000 TEU.

([6]) Iż-żona ta' Hamburg Le Havre tinkludi l-aktar portijiet marittimi importanti li jinsabu fix-xatt tal-Baħar tat-Tramuntana fl-Ewropa kontinentali, b'mod partikolari Rotterdam, Antwerp, Hamburg, Bremerhaven u Le Havre.

([7]) http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/images/a/a7/Top_20_container_ports_in_2015_-_on_the_basis_of_volume_of_containers_handled_in_%281000_TEUs%29.png

([8]) Ara per eżempju, il-posta elettronika tal-GHA lill-AG tal-14 ta' Jannar 2011, b'referenza għal ittra tat-3 ta' Diċembru 2010. Innota li fil-kuntratti ta' konċessjoni ġie stipulat li fil-każ ta' tnaqqis tal-kapaċità ta' trasbord matul il-konċessjoni, mhux attribwibbli għall-konċessjonarju, il-volumi li għandhom jinkisbu għandhom ukoll jitnaqqsu fuq bażi pro rata.

([9]) L-Ittra ta' AG lill-GHA tat-12 ta' Jannar 2012 (l-anness 7.9 għas-sottomissjoni tal-Belġju tad-19 ta' Awwissu 2016); l-Ittra ta' AG lill-GHA tas-17 ta' Jannar 2011 (l-anness 7.5 għas-sottomissjoni tal-Belġju tad-19 ta' Awwissu 2016); l-Ittra ta' PSA lill-GHA tad-19 ta' Diċembru 2011 (l-anness 7.44 għas-sottomissjoni tal-Belġju tad-19 ta' Awwissu 2016); l-Ittra ta' PSA lill-GHA tal-24 ta' Awwissu 2012 (l-anness 7.50 għas-sottomissjoni tal-Belġju tad-19 ta' Awwissu 2016); l-Ittra ta' PSA lill-GHA tat-28 ta' Marzu 2013 (l-anness 7.55 għas-sottomissjoni tal-Belġju tad-19 ta' Awwissu 2016).

([10]) Fl-2014, l-attivitajiet ta' PSA u l-AG jgħoddu għal madwar [15-40] % tad-dħul totali tal-GHA, li jikkunsidra d-dħul dirett u indirett kollu marbut mal-attivitajiet ta' PSA u l-AG fil-Port ta' Antwerp.

([11]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 9;

([12]) Memo tal-15 ta' Frar 2012 mill-konsulenti ta' AG (sottomissjoni tal-Belġju tal-15 ta' Marzu 2016, l-Anness 10); Memo tal-11 ta' Frar 2013 mill-konsulenti esterni ta' PSA (sottomissjoni mill-Belġju tal-20 ta' Marzu 2017, l-Anness 7.2)

([13]) Fl-20 ta' Ġunju 2014, il-GHA talbet arbitraġġ għan-nuqqas ta' ħlas ta' penali minn AG għan-nuqqas ta' kisba tal-MTRs aġġustati u l-AG ikkontesta l-penali fuq il-bażi ta' abbuż tal-liġi u klawżola ta' penali eċċessiva (sottomissjoni tat-18 ta' April 2016 minn AG mal-memorandum sommarju ta' AG fil-proċeduri tal-arbitraġġ).

(*) Informazzjoni kunfidenzjali.

([14]) Miġbura mill-Kummissjoni abbażi tad-*data* sottomessa mill-Belġju.

([15]) Ara wkoll il-premessi 49(i) u (81) tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

ta' 125 % fir-rata ta' tkabbir annwali taż-żona ta' Hamburg-Le Havre mal-MTR tas-sena preċedenti. Meta kien hemm tnaqqis fit-traffiku, 75 % tar-rata annwali tat-tnaqqis fiż-żona ta' Hamburg-Le Havre tnaqqset mill-MTRs tas-sena ta' qabel. Ir-regola għalhekk timplika li PSA u AG jrid ikollhom prestazzjoni aħjar ta' 25 % mill-pari tagħhom fiż-żona ta' Hamburg-Le Havre. Ir-referenza għall-istabbiliment tal-MTRs il-ġodda għas-sena 2009 kienet it-traffiku li kien hemm fl-2008 f'DGD. Il-"fattur ta' riżultati tajbin" ta' 25 % huwa bbażat fuq il-prestazzjoni storika tal-Port ta' Antwerp, li, f'termini ta' rati ta' tkabbir annwali tat-traffiku, fuq medja ta' tul ta' żmien itwal kien 25 % aħjar mill-medja tal-portijiet taż-żona ta' Hamburg-Le Havre. L-implimentazzjoni tal-Miżura 1 wasslet fir-rigward tal-2009 biss għat-tnaqqis tal-MTRs ta' – 41,7 % (PSA) u – 29,7 % (AG), meta mqabbla mal-MTRs oriġinali tal-2009.

(23) Fit-12 ta' Mejju 2014, il-GHA ddeċidiet dan li ġej:

**Miżura 2 — ara t-Tabella 2 hawn taħt:** Miżura 2 ([16]) tikkonsisti miż-żamma tal-kumpensi mnaqqsa (skont ir-regola 75/125) fir-rigward ta' AG biss.

(24) PSA ħallas lill-GHA l-penali mnaqqsa wara l-aġġustament mill-ġdid tal-MTRs skont id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013, imma rriżerva d-dritt tiegħu li jikkontesta dan il-pagament fuq il-bażi li l-klawżola ta' penali kuntrattwali kienet tikser l-ordni pubbliku peress li kienet purament punittiva, u li l-infurzar tal-penali ammonta għal abbuż ta' dritt mill-GHA. Fit-2 ta' Mejju 2016, PSA talab lil bord tal-arbitraġġ biex jordna lill-GHA tħallas lura lil PSA l-kumpensi li ħallset wara d-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013. Ir-riżultat tal-proċediment huwa pendenti fiż-żmien tal-adozzjoni.

(25) AG ma ħallasx il-penali mnaqqsa u sussegwentement ġie imħarrek mill-GHA. Il-każ ġie riferut lil bord tal-arbitraġġ. AG argumenta, inter alia, li klawżola ta' penali tista' tapplika biss jekk l-MTRs ma kinux milħuqa minħabba ċirkostanzi relatati maAG, imma fil-fatt ma kinux milħuqa minħabba l-Kriżi, u li l-infurzar ta' penali mnaqqsa kien jammonta għal abbuż ta' drittijiet tal-bniedem mill-GHA. L-eżitu tal-proċediment kien, madankollu, li l-penali mnaqqsa applikati mill-GHA kienu meqjusa raġonevoli.

(26) Fit-12 ta' Mejju 2014, il-GHA emendat unilateralment il-kuntratti ta' konċessjoni ma' PSA u AG. Il-bidliet kienu jinvolvu l-attribuzzjoni lil PSA ta' żona fid-DGD, inizjalment attribwita lil AG iżda mhux użata minnu. B'riżultat ta' dan, PSA ddispona minn żona ta' madwar 20 % akbar, u, min-naħa tiegħu, AG iddispona minn żona ta' madwar 30 % iżgħar, meta mqabbla maż-żoni li ngħataw inizjalment. Fl-istess ħin, il-GHA ddeċidiet li żżomm ir-regola 75/125 fir-rigward ta' AG skont il-Miżura 2 (ara l-premessa 22). Fir-rigward ta' PSA, il-GHA ddeċidiet li tapplika r-regola 75/125 għall-aħħar darba fl-2013. Il-GHA introduċiet gradwalment l-MTRs oriġinarjament ikkuntrattati (wara introduzzjoni gradwali sal-2016) ([17]). Barra minn hekk, mill-2016, PSA kien soġġett għall-MTRs addizzjonali applikabbli għaż-żona attribwita lilu fl-2014.

(27) Fl-2015, il-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Brussell ċaħdet it-talba minn KN kontra l-GHA li l-aġġustament tal-GHA tal-MTRs lejn AG u PSA ammonta għal għajnuna mill-Istat ([18]). Il-qorti sabet, inter alia, li billi ġew aġġustati l-MTRs, il-GHA qieset b'mod raġonevoli l-Kriżi u li wieħed jista' jassumi li kreditur privat kien jadotta deċiżjoni simili. Din is-sentenza tat-12 ta' Frar 2015 ġiet appellata minn KN. L-appell huwa pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Brussell meta tiġi adottata din id-deċiżjoni.

(28) Fil-15 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Hija esprimiet dubji dwar jekk il-Miżuri 1 u 2 jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat.

(29) Din id-Deċiżjoni tiddeskrivi u tivvaluta l-Miżuri 1 u 2, kif definiti fil-premessa 22 hawn fuq, u kif inizjalment definiti fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-premessi 49(i) u (ii) kif ukoll 81 u 82.

---

([16]) Ara l-premessi 49(ii) u (82) tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

([17]) Il-mekkaniżmu ta' introduzzjoni gradwali ppreveda l-MTRs li ġejjin applikabbli għal PSA: 2014: 1 400 000 TEU, 2015: 2 000 000 TEU, 2016: 2 559 600 TEU, flimkien ma' 544 526 TEU għaż-żona addizzjonali attribwita lil PSA.

([18]) KN sostna, inter alia, li l-GHA kisret l-obbligu ta' sospensjoni preskritt mill-Artikolu 108(3) tat-TFUE u talab lill-qorti tipprojbixxi lill-GHA milli timplimenta d-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013, u tordna lill-GHA tiffattura u tiġbor il-kumpens li fadal, jew, f'ordni sussidjarju, tobbliga lill-GHA tirrevoka d-deċiżjoni u tadotta deċiżjoni ġdida biex tiġbor il-kumpens dovut, u d-danni jiġu imposti fuq bażi ta' kuljum f'każ ta' nuqqas ta' konformità.







## 3. ID-DEĊIŻJONI TA' FTUĦ

### 3.1. L-eżistenza tal-għajnuna

(30) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk il-Miżuri 1 u 2 kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

3.1.1. *Miżura 1*

(31) L-ewwel nett, il-Kummissjoni għandha d-dubji dwar jekk operatur razzjonali privat tas-suq kienx se jistenna għal erba' snin b'deċiżjoni dwar it-tnaqqis tal-kumpenssi dovuti. Ġie nnutat li l-impatt tal-Kriżi kellu jitqies fl-evalwazzjoni tal-konformità tas-suq tal-Miżura 1. Ġie nnutat ukoll li PSA u AG biss kienu soġġetti għal MTRs progressivi, li żdiedu kull sena matul il-perjodu 2004 — 2012, filwaqt li l-konċessjonarji l-oħra kollha fil-Port ta' Antwerp, inkluż l-Ilmentatur, kienu soġġetti għal MTRs fissi. Għalhekk, fil-kuntest tal-Kriżi, is-sitwazzjoni ta' PSA u AG kienet speċifika u distinta minn operaturi oħra attivi fil-Port ta' Antwerp.

(32) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-impatt bla preċedent tal-Kriżi ġġiegħel lill-impriżi fis-setturi kollha tal-ekonomija biex jerġgħu jaġġustaw l-imġiba tagħhom.

(33) Minbarra l-kuntest tal-Kriżi, il-Kummissjoni nnutat li kien importanti għall-interessi fit-tul tal-port li jżommu l-kooperazzjoni ma' PSA u AG.

(34) Minkejja dawn l-argumenti, kien madankollu kkunsidrat li operatur razzjonali tas-suq privat kien jimmira li jimmassimizza l-profitti tiegħu (jew inaqqas it-telf tiegħu) billi jibda l-irkupru tas-somom dovuti mill-aktar fis possibbli. Il-kumpensi mhux imħallsa u akkumulati mill-2009 tnaqqsu b'mod sinifikanti u ġew indirizzati biss b'mod retroattiv mid-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013.

(35) F'diversi laqgħat li saru mill-2009, il-Bord tad-Diretturi ddiskuta kwistjonijiet li jikkonċernaw id-*data* dwar it-traffiku kif ukoll il-Kriżi, iżda mhux direttament il-kwistjoni li tintbagħat fattura għall-kumpensi dovuti minn PSA u AG għal nuqqas ta' konformità mal-MTRs. Kif indikat fil-punt 5.3 tad-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013, il-kwistjoni tal-MTRs kienet soġġetta għal konsultazzjonijiet li għaddejjin iżda l-fatturazzjoni tal-kumpensi dovuti ġiet posposta ([19]).

(36) It-tieni, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk operatur razzjonali tas-suq privat kienx jagħti lil PSA u AG tnaqqis simili bħal dak li għamlet il-GHA. Ġie nnutat li anke jekk fl-2009 it-tnaqqis reali tat-traffiku fid-DGD kien ta' – 38,6 % (u mhux ta' – 16 % kif indikat mill-Ilmentatur), it-tnaqqis tal-kumpens kien ugwali għal madwar – 80 % (għalkemm fuq perjodu ta' erba' snin) ([20]).

(37) It-tielet, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk operatur razzjonali tas-suq privat kienx jagħti lil PSA u AG tnaqqis tal-kumpens fid-dawl tal-fatt li l-pożizzjoni tan-negozjati tal-GHA tidher li kienet pjuttost b'saħħitha bbażata fuq il-kuntratti ta' konċessjoni. Peress li l-operaturi tat-terminal tal-kontejners ma setgħux itemmu b'mod unilaterali r-relazzjoni tagħhom mal-GHA, filwaqt li l-GHA setgħet tirrevoka kompletament jew parzjalment il-konċessjoni f'każ ta' użu dgħajjef manifest fuq id-DGD, PSA u AG ma setgħux jheddu b'mod kredibbli li jitilqu mill-Port ta' Antwerp f'każ li l-MTRs ma kinux jitnaqqsu jew il-kumpens ġie rinunzjat.

(38) Ir-raba', il-Kummissjoni nnutat ukoll li n-nuqqas ta' infurzar tal-ħlasijiet ta' kumpens mill-GHA seta' jkun inċentiv għal PSA u AG biex jirrilokaw it-traffiku tagħhom lejn portijiet fejn il-konformità mal-MTRs kienet infurzata strettament, sabiex tevita li tkun sanzjonata f'dawk il-portijiet.

(39) Il-ħames, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar il-fatt li d-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 qieset tali elementi bħall-ippjanar tal-użu tal-art, il-mobilità u l-impjiegi fit-tul. F'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita ([21]), aspetti mhux ekonomiċi bħal dawn tad-deċiżjonijiet kummerċjali għandhom jitħallew għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-operatur f'ekonomija tas-suq.

(40) Is-sitt, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk il-GHA kinitx fil-fatt iffaċċjata b'riskju serju ta' litigazzjoni min-naħa ta' PSA u AG u bit-theddidiet tagħhom li jitilqu mill-Port ta' Antwerp. Ittri mingħand PSA u AG li jispjegaw il-perspettiva legali tagħhom tad-19 ta' Frar 2013 u t-23 ta' Frar 2013 intbagħtu lill-GHA wara li l-ilment f'dan il-każ intbagħat lill-Belġju għal kummenti fid-29 ta' Jannar 2013.

([19]) Barra minn hekk, b'referenza għal PSA, il-punt 4.3 tad-Deċiżjoni tal-2013 jiddikjara li d-deċiżjoni ttieħdet biex il-fattura tiġi posposta għal aktar investigazzjoni.

([20]) It-tnaqqis tal-kumpens huwa distint mit-tnaqqis tal-MTRs. Eżempju: MTR oriġinali = 2 500, MTR aġġustat = 1 500, traffiku realizzat = 1 200, penali għal kull unità = 8. F'dan il-każ ipotetiku t-tnaqqis tal-MTRs jammonta għal 40 % iżda t-tnaqqis tal-penali jammonta għal 77 %.

([21]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs Électricité de France (EDF)*, C-124/10 P, ECLI:EU:C:2012:318, il-paragrafi 79 sa 81.

3.1.2. *Miżura 2*

(41) Fir-rigward tal-Miżura 2, il-Kummissjoni nnotat li l-MTRs inizjali kienu impossibbli li jinkisbu minħabba l-Kriżi. Billi l-GHA fid-deċiżjoni tagħha tat-12 ta' Mejju 2014 iddikjarat li ma jistax jibqa' jinżamm li l-MTRs inizjali kienu impossibbli li jinkisbu minħabba l-Kriżi, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk iż-żamma tal-ammont imnaqqas ta' kumpens f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-MTRs għal AG tistax titqies konformi mas-suq.

(42) B'mod partikolari, iż-żamma tal-kumpens imnaqqas dehret mhux meħtieġa biex tikkumpensa lil AG għat-telf temporanju ta' parti mill-konċessjoni tiegħu peress li AG fi kwalunkwe każ ma kienx attwalment juża din il-parti taż-żona ta' konċessjoni. Kif ġew adottati skont il-Miżura 2, l-MTRs imnaqqsa għal AG (u l-kumpensi sussegwentement imnaqqsa) kienu maħsuba li jibqgħu fis-seħħ sal-2042, jiġifieri ħafna itwal mis-7 snin li matulhom parti mill-konċessjoni tkun ittrasferita ([22]).

## 3.2. **Il-kompatibbiltà**

(43) Il-Kummissjoni nnotat li l-miżuri inkwistjoni rriżultaw f'taħlita ta' imposti li normalment għandhom jitħallsu minn PSA u AG u għalhekk kienu jikkostitwixxu għajnuna operattiva. Tali għajnuna ma setgħetx tinżamm kompatibbli mas-suq intern peress li ma tiffaċilitax l-iżvilupp ta' ebda attività jew żona ekonomika. Fl-istadju tad-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni għalhekk ikkunsidrat li l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(2) u (3) tat-TFUE ma kinux applikabbli.

# 4. **KUMMENTI MINN PARTIJIET INTERESSATI**

## 4.1. **Katoen Natie**

(44) KN qabel mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni li l-miżuri inkwistjoni kienu imputabbli lill-Istat Belġjan u żied li peress li l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba kienu applikabbli għad-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013, il-Bord tal-GHA kellu jkun konxju li kien qed jaġixxi fl-interess pubbliku bħala entità tal-liġi pubblika.

(45) Skont KN, kull deċiżjoni sensittiva tal-Bord tal-GHA (bħad-deċiżjoni dwar il-konsegwenzi jekk ma jinkisbux l-MTRs) ittieħdet bl-appoġġ sħiħ tal-koalizzjoni governattiva fil-Kunsill tal-Belt ta' Antwerp.

(46) KN qabel ukoll mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni li l-miżuri inkwistjoni kienu ta' natura selettiva.

(47) Skont KN, fid-dawl tad-deċiżjonijiet meħuda mill-GHA fl-2013 u l-2014, il-GHA rriżervat id-dritt li tagħmel evalwazzjonijiet diskrezzjonali speċifiċi u individwali ta' kwalunkwe ċirkostanza speċjali li tapplika għall-konċessjoni preżenti u li tieħu kwalunkwe deċiżjoni li hija tikkunsidra xierqa. Fid-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013, il-GHA stabbiliet li d-deċiżjoni tagħha ttieħdet b'segwitu għal "marġni ta' diskrezzjoni" disponibbli għall-GHA. Fil-fehma ta' KN, dan juri li l-miżuri kienu speċifiċi għal PSA u AG u għalhekk selettivi.

(48) KN qabel ukoll mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni li kien hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni mill-miżuri u dawn affettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, KN enfasizza li minħabba li jinsab 'il ġewwa mill-kosta u minħabba l-konnessjonijiet hinterland konvenjenti tiegħu bil-ferrovija, bil-passaġġi tal-ilma u bit-triq, il-Port ta' Antwerp opera bħala ċentru internazzjonali u li PSA u AG ikkompetew ma' operaturi tat-terminal oħra bħal KN, kemm fil-Port ta' Antwerp kif ukoll fiż-żona ta' Hamburg-Le Havre.

(49) KN qabel mad-dubji tal-Kummissjoni espressi fid-deċiżjoni tal-ftuħ li l-Miżura 1 kienet tinvolvi vantaġġ ekonomiku kemm għal PSA kif ukoll għal AG.

(50) KN afferma wkoll li operatur ta' ekonomija tas-suq b'pożizzjoni ta' negozjar b'saħħtu daqs il-GHA kien jitlob ħlas sħiħ tal-kumpensi dovuti, jew kien għall-inqas jinnegozja tnaqqis konsiderevolment iżgħar u proporzjonat.

(51) KN indika li l-kuntratti ta' konċessjoni taw lill-GHA drittijiet qawwija peress li huma intitolaw lill-GHA titlob EUR 7,31 għal kull TEU li ma ntlaħaqx u f'każ ta' użu dgħajjef manifest biex jew jimponu kundizzjonijiet addizzjonali fuq il-konċessjonarju sabiex iżidu l-prestazzjoni tiegħu jew biex jirrevokaw il-konċessjoni kompletament jew parzjalment.

([22]) Il-GHA abbandunat il-Miżura 2 u reġgħet daħħlet mill-ġdid l-MTRs oriġinali fuq AG mill-2015, aġġustati kif xieraq għat-telf ta' art li ġġarrab AG. Mill-2015, AG kellu jilħaq l-MTR annwali ta' 1 247 630 TEU.

(52) KN enfasizza wkoll li l-kuntratti ta' konċessjoni rispettivi ppermettew lill-GHA tiddebita direttament il-ħlasijiet ta' penali dovuti.

(53) Skont KN, id-daqs tat-tnaqqis tal-pagamenti ta' penali inkwistjoni kien sproporzjonat u għalhekk mhux relatat mal-Kriżi. Filwaqt li t-tnaqqis fit-traffiku totali osservat fil-port ta' Antwerp ammonta għal 15,6 %, u billi fid-DGD, fejn PSA u AG kienu attivi, it-tnaqqis kien ta' 38,6 %, fil-verità t-tnaqqis ammonta għal 80 %.

(54) Kif ikkummenta ulterjorment KN, l-MTRs imnaqqsa għal PSA u AG jibqgħu japplikaw għall-futur, irrispettivament mill-perjodu li fih il-Kriżi tippersisti. Għalhekk, il-Miżura 2 li żżomm l-MTRs imnaqqsa wara l-2013 fil-fehma ta' KN ma kinitx relatata mal-Kriżi.

(55) KN innota wkoll li l-ippjanar tal-użu tal-art, il-mobilità u l-impjiegi fit-tul kienu tqiesu mill-GHA meta ħadet id-deċiżjonijiet ikkontestati u li t-tfittxija għal għanijiet bħal dawn kienet inkompatibbli mal-Prinċipju tal-Operatur tal-Ekonomija tas-Suq ("MEOP").

(56) KN allega li l-imġiba tal-GHA wara l-Kriżi kienet mingħajr paragun minn awtoritajiet tal-port oħrajn fil-portijiet ġirien u dawk ta' kompetizzjoni. Skont KN, il-Port ta' Rotterdam irrikonoxxa li eżenzjoni ta' kumpens ikollha biss effetti kontroproduttivi.

(57) KN ikkunsidra li l-Miżura 1 ma kinitx iġġustifikata sabiex ma tħallix li PSA u AG jitilqu mill-Port ta' Antwerp. Skont KN, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li PSA u AG kellhom pjanijiet biex jieħdu deċiżjonijiet ta' rtirar ta' investiment minħabba diffikultajiet biex jilħqu l-MTRs tagħhom. F'dan il-kuntest, KN irrefera għall-fatturat ikkonsolidat u l-profitti ġġenerati bejn l-2013 u l-2015 mill-gruppi li minnhom kienu jagħmlu parti PSA u AG. Il-profitti kienu jikkostitwixxu multipli tal-pagamenti tal-penali inizjalment pagabbli minn PSA u AG għall-MTRs li ma ntlaħqux fil-port ta' Antwerp.

(58) KN afferma wkoll li l-GHA biss kellha d-dritt li ttemm unilateralment il-kuntratti ta' konċessjoni. It-tmiem tal-kuntratt ta' konċessjoni ma kien jinvolvi l-ebda konsegwenza ekonomika negattiva għall-GHA, peress li fid-dawl tal-klawżola ta' terminazzjoni fil-kuntratt, il-GHA dejjem tkun tista' tfittex kumpens mingħand il-konċessjonarju għal kwalunkwe dannu li esperjenzat bħala riżultat tat-terminazzjoni għal raġuni min-naħa tal-konċessjonarju. Il-piż finanzjarju addizzjonali bħala riżultat ta' terminazzjoni għalhekk ikun pjuttost responsabbiltà tal-konċess-jonarju milli tal-GHA.

(59) KN innota li MSC-Maersk kien interessat ukoll li jidħol f'konċessjoni mal-GHA. Kwalunkwe telf imġarrab wara t-tmiem tal-kuntratti ma' PSA u AG kien jitnaqqas mid-dħul iġġenerat minn tali detentur ta' konċessjoni ġdid. KN iddikjara wkoll li meta l-konċessjoni kienet ingħatat inizjalment lil PSA fl-2004, Maersk kien ukoll parti interessata iżda l-konċessjoni ngħatat lil PSA minħabba li qabel ma' MTRs aktar b'saħħithom.

(60) KN ikkunsidra li kwalunkwe theddida ta' litigazzjoni kontra l-kuntratti ta' konċessjoni minn PSA u AG mhijiex kredibbli, minħabba li l-kumpensi għall-MTRs mhux milħuqa kienu infurzabbli skont il-liġi Belġjana. Barra minn hekk, l-ebda duttrina ta' salvagwardja ([23]) ma kienet tapplika għal kuntratti skont il-liġi Belġjana.

(61) Dwar il-Miżura 2 fir-rigward ta' AG, KN qabel mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni li kull vantaġġ potenzjali relatat mat-tnaqqis fl-MTRs xorta jkun għadu għaddej favur AG minħabba li l-Miżura 2 żammet l-MTRs imnaqqsa (skont ir-regola 75/125) għal dik l-impriża.

(62) Fir-rigward ta' PSA, KN afferma li l-GHA tat vantaġġ inġust lil PSA billi naqset li terġa' ddaħħal l-MTRs tal-2004 ta' PSA immedjatament aktar milli gradwalment, u b'hekk, tal-inqas, żammet parzjalment l-MTRs aktar baxxi. Peress li l-GHA rrikonoxxiet li l-Kriżi ma setgħetx tiġi invokata aktar bħala l-bażi biex l-MTRs tal-2004 jinżammu impossibbli li jinkisbu, ma kien hemm l-ebda raġuni oġġettiva biex l-MTRs ma jiġux immedjatament mgħollija. Madankollu, il-GHA żiedet gradwalment l-MTRs ta' PSA biss bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2015. Dan kien jikkostitwixxi vantaġġ addizzjonali għal PSA.

(63) KN allega wkoll li l-vantaġġ imsemmi hawn fuq ġie miżjud aktar fid-dawl taż-żona addizzjonali li rċieva PSA fit-12 ta' Mejju 2014 u li għaliha PSA ma kellux għalfejn jikkonforma ma' ebda MTR għas-snin 2014 u 2015.

([23]) Il-klawżola ta' salvagwardja hija klawżola f'kuntratt li hija maħsuba biex tkopri każijiet fejn iseħħu ġrajjiet mhux previsti li jibdlu fundamentalment l-ekwilibriju ta' kuntratt li jirriżulta f'piż eċċessiv fuq waħda mill-partijiet involuti. (https://en.wikipedia.org/wiki/Hardship_clause)

(64) KN innota li ftehim operattiv ta' arranġament għal sehem fl-użu ta' bastimenti bejn Maersk, MSC u CMA CGM ("Netwerk P3") suppost kellu jirriżulta fi prospettiva ekonomika mtejba. Bħala konsegwenza, il-GHA kellha tqis dan fl-aġġustament mill-ġdid tal-MTRs għal PSA. KN indika wkoll li anke li kieku mill-2016 'il quddiem PSA kien soġġett għall-MTRs oriġinali, miżjuda minn MTRs speċifiċi addizzjonali għaż-żona trasferita, jibqa' jkun hemm vantaġġ għall-impriża konġunta ta' PSA ma' MSC li tissostitwixxi l-konċessjonarju oriġinali. KN ma kkwantifikax dan il-vantaġġ.

(65) Fir-rigward taż-żona ta' konċessjoni ttrasferita minn AG lil PSA, KN afferma li t-telf ta' AG fiż-żona ttrasferita ma jiġġustifikax iż-żamma tal-kumpens imnaqqas fil-konfront ta' AG minħabba li AG fi kwalunkwe każ ma kienx juża ż-żona u li d-daqs akbar ta' konċessjoni ta' PSA kellu jirriżulta f'żieda tal-MTRs tal-2004 għal PSA.

(66) Fir-rigward ta' kwalunkwe kompatibbiltà tal-miżuri inkwistjoni mas-suq intern, KN innota li l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE jirreferi għal "għajnuna biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti żoni ekonomiċi". Il-kelma "tiffaċilita" indikat fl-opinjoni ta' KN li l-għajnuna trid tagħti inċentiv lill-benefiċjarju biex jinvesti fl-iżvilupp ta' attività jew żona. Skont KN, il-GHA sempliċement inċentivat lil PSA u AG biex ibiddlu d-direzzjoni tat-traffiku lil hinn mill-Port ta' Antwerp. Għalhekk ma setax ikun hemm kompatibbiltà taħt l-imsemmija dispożizzjoni.

(67) Barra minn hekk, dwar il-kompatibbiltà mas-suq intern, KN indirizza l-kwistjonijiet ta' interess komuni, neċessità u proporzjonalità tal-għajnuna, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ intra-UE. KN qabel ukoll mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna operattiva għal PSA u AG. KN ikkonkluda li kienu inkompatibbli mas-suq intern.

### 4.1.1. *Kummenti addizzjonali minn KN*

(68) Fit-2 ta' Marzu 2017, KN bagħat kummenti addizzjonali dwar l-allegata għajnuna mill-Istat lil PSA u AG, u ddikjara li, il-GHA kompliet tagħti għajnuna mill-Istat sa mill-inqas l-2015. Il-GHA kompliet tapplika t-tnaqqis tal-Kriżi u rrinunzjat kwalunkwe ħlas ta' kumpens li AG u PSA kellhom iħallsu għan-nuqqas ta' konformità tagħhom mal-MTRs oriġinali. Fl-2015, PSA u AG ma laħqux l-MTRs kuntrattwali. Madankollu, il-GHA ddeċidiet ([24]) li tirrinunzja l-implimentazzjoni tal-obbligi kuntrattwali ta' PSA u AG. KN iddikjara li, bħala konsegwenza, PSA u AG għadhom ma ntalbux iħallsu ebda kumpens għall-ksur materjali tal-obbligi tal-MTRs miftiehma kuntrattwalment.

(69) KN ta dettalji wkoll li AG ingħata vantaġġ selettiv li jammonta għal EUR 31 039 997,83 matul il-perjodu 2009-2015 u li PSA kien ingħata vantaġġ selettiv li jammonta għal EUR 61 122 116,16 matul il-perjodu 2009-2015.

(70) KN enfasizza li l-vantaġġ ekonomiku mogħti lil AG u PSA ma setax jiġi kkaratterizzat bħala miżura ta' Kriżi iżda pjuttost ikkostitwixxa benefiċċju strutturali.

(71) KN innota wkoll li PSA kien irrifjuta li jħallas il-kumpensi u beda proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Brussell biex jirkupra l-ħlasijiet ta' kumpens li kien għamel qabel.

## 4.2. **PSA Antwerp**

(72) PSA kkontesta li l-miżuri kkonċernati kienu ffinanzjati minn riżorsi tal-Istat. B'referenza għall-Artikoli 15(1) u 20 tad-Digriet dwar il-Portijiet Fjammingi, PSA afferma li l-GHA ġabret, għall-benefiċċju tagħha, ħlasijiet tal-port "ta' kwalunkwe natura" u "għall-esklużjoni tal-awtoritajiet l-oħra kollha", u li l-GHA rċeviet id-dħul kollu mill-eżerċitar tas-setgħat relatati mal-amministrazzjoni ta' port u mill-"attivitajiet l-oħra kollha" li wettqet. It-telf tal-GHA ma kienx imputabbli lill-Istat Belġjan u ma ġarrab l-ebda piż addizzjonali għalih. Peress li d-dħul kollu mill-eżerċizzju tas-setgħat tal-GHA fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-port kien effettivament proprjetà tal-GHA, u billi l-Istat ma refa' l-ebda spiża f'dan ir-rigward, kull vantaġġ mogħti lil PSA ma kienx iffinanzjat minn riżorsi tal-Istat.

(73) PSA saħaq ukoll li l-istruttura ta' kontroll fuq il-GHA kienet indipendenti. Id-Digriet dwar il-Portijiet Fjammingi kellu l-għan li jistabbilixxi entità legali distinta mill-Belt ta' Antwerp li ħadet is-setgħat kollha relatati mal-amministrazzjoni tal-port mill-Belt ta' Antwerp (Artikolu 1 tal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tal-GHA).

([24]) Deċiżjoni tal-Bord tal-GHA Nru 161146 tas-17 ta' Mejju 2016.

(74) PSA indika li l-GHA setgħet tikkonkludi ftehim politiku wieħed jew aktar mal-Belt ta' Antwerp – b'mod partikolari fir-rigward tal-politika tal-port u dik urbana (l-Artikolu 7(2) tal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tal-GHA) u li għalhekk il-Belt ta' Antwerp ma kellha l-ebda rwol ta' kontroll, iżda kienet obbligata li tinnegozja mal-GHA sabiex tasal għal dawn il-ftehimiet ta' politika.

(75) PSA spjega wkoll li l-membri tal-kunsill muniċipali jirrappreżentaw biss il-maġġoranza, iżda mhux il-bord kollu tal-Bord tad-Diretturi. Dawn il-membri ġew minn diversi partiti, b'varjetà ta' opinjonijiet politiċi, u b'kollox lanqas biss jirrappreżentaw terz tal-kunsill muniċipali ta' Antwerp fl-intier tiegħu. Barra minn hekk, qatt ma kien hemm laqgħa li fiha perspettiva ġenerali tal-kunsill muniċipali tkun ippreżentata lill-membri tal-bord maħtura.

(76) Fil-qosor, PSA ma qabilx li l-miżuri inkwistjoni kienu imputabbli lill-Istat Belġjan. Skont PSA, fir-rapporti tal-kunsill muniċipali ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-kunsill muniċipali kellu rwol ta' kontroll fir-rigward tal-GHA. Għall-kuntrarju, il-GHA spiss kienet imsemmija bħala parti indipendenti fin-negozjati u l-ftehimiet. PSA rrefera *inter alia* għas-sentenza riċenti tal-Qorti *Commerz Nederland* ([25]), li ddikjarat li għandu jkun possibbli li tiġi inferita imputabbiltà lill-Istat "minn sett ta' indikaturi li jirriżultaw miċ-ċirkostanzi tal-każ u l-kuntest li fih ittieħdet il-miżura inkwistjoni". PSA kkwota wkoll, f'dan il-kuntest, ir-riċerka tal-Professur Eric Van Hooydonk, li tgħid li t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-awtoritajiet tal-port muniċipali kien iffokat kważi esklussivament fuq il-promozzjoni tal-interessi tal-port, u mhux fuq interessi muniċipali usa'.

(77) PSA indika wkoll li d-direttur tas-sorveljanza tal-port kien kapaċi jwettaq biss reviżjoni amministrattiva tal-legalità fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-GHA (l-Artikolu 25(c) tal-Artikoli tal-Assoċjazzjoni tal-GHA). Id-direttur superviżorju tal-port ma kellux is-setgħat biex jivvaluta l-kontenut jew il-ħtieġa ta' miżura meħuda mill-operatur tal-port. F'dan il-każ, id-direttur reġjonali tas-sorveljanza tal-port ma kienx involut fit-teħid tad-deċiżjonijiet mill-Bord tad-Diretturi tal-GHA. Minħabba li d-deċiżjoni tal-GHA ma kisritx id-Digriet dwar il-Portijiet Fjammingi, id-direttur tas-sorveljanza tal-port ma setax lanqas jopponi d-deċiżjoni speċifika inkwistjoni. Minħabba li ma kien hemm l-ebda kontroll attwali mill-Belt ta' Antwerp jew mir-Reġjun Fjamming, il-kundizzjonijiet tal-każ Stardust Marine ma kinux issodisfati.

(78) Rigward il-mistoqsija dwar jekk il-miżuri inkwistjoni kinux jinvolvu xi vantaġġ ekonomiku, PSA indika li għall-applikazzjoni tal-prinċipju tal-operatur f'ekonomija tas-suq (MEOP) il-Qrati rrikonoxxew li l-massimizzazzjoni tal-profitt ma seħħx esklussivament bħala riżultat tal-irkupru tal-ispejjeż attwali fi żmien qasir ([26]). Skont PSA, kreditur privat kien ukoll iħalli lilu nnifsu jiġi ggwidat minn prospetti fit-tul, anke minħabba li l-ammonti rinunzjati jikkostitwixxu inċentiv impost sabiex jistimulaw l-iżvilupp tal-port. Għalhekk, l-ebda telf ma kien involut għall-GHA, iżda biss in-nuqqas ta' ġbir ta' dħul straordinarju. Skont PSA, l-MTRs stabbiliti kienu bbażati fuq stħarriġ tas-suq tal-1998 li kien ibassar tkabbir annwali kontinwu ta' 10 %, u għalhekk, fl-opinjoni ta' PSA, kien ambizzjuż wisq sa mill-bidu nett. PSA żied jgħid li sal-2012 l-effetti tal-Kriżi ma kinux għadhom spiċċaw għalkollox, peress li fl-2012 l-importazzjonijiet fl-Ewropa kienu għadhom taħt il-livell miksub fl-2008 ([27]).

(79) PSA enfasizza li t-tariffi li kellhom iħallsu għall-MTRs mhux milħuqa fid-DGD kienu ogħla mill-ħlasijiet mitluba għal baċiri oħra fil-port ta' Antwerp (eż.: EUR [0,30-0,70] għal kull tunnellata għal PSA fid-DGD vs EUR [0,12-0,20] għal kull tunnellata għal KN fil-Vrasenedock).

(80) PSA ssuġġerixxa wkoll li jitqies li d-DGD kien għadu fil-fażi tal-bidu meta seħħet il-Kriżi.

(81) Fir-rigward tar-riskju li PSA jista' jitlaq mill-port ta' Antwerp, PSA afferma li kien hemm mezzi li bihom il-kuntratt ta' konċessjoni jista' jiġi terminat jew xolt. F'dan ir-rigward, PSA rrefera għat-terminazzjoni prematura tal-kuntratti ta' konċessjoni li kellu mal-Awtorità tal-Port ta' […], effettiva f'[…] u […]. Kieku PSA temm il-kuntratt ta' konċessjoni mal-GHA, it-telf fit-tariffi ta' konċessjoni għall-GHA kien jammonta għal madwar EUR [10-16] miljun fis-sena.

([25]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 2014, *Commerz Nederland NV vs Havenbedrijf Rotterdam NV*, C-242/13, ECLI:EU:C:2014:2224 il-paragrafu 32.

([26]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Marzu 1991, *Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, C-305/89, ECLI:EU:C:1991:142, il-paragrafu 20. Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Settembru 2012, Corsica Ferries France SAS vs il-Kummissjoni Ewropea, T-565/08, ECLI:EU:T:2012:415, il-paragrafu 83.

([27]) WTO, L-importazzjonijiet tal-merkanzija dinjija skont ir-reġjun u l-ekonomija magħżula, 2002–2012, https://www.wto.org/english/res_e/statis_e/its2013_e/itsl3_appendix_e.htm

(82) PSA allega li kien kapaċi jtemm il-kuntratt jew billi jinvoka force majeure peress li l-kuntratt irriżulta li ma kienx fattibbli wara l-impatt serju tal-Kriżi fuq l-attivitajiet tal-port, jew billi jħassar il-kuntratt minħabba li l-klawżola tal-penali kienet invalida, jew wara li PSA sar insolventi, kieku l-penali imposti oriġinarjament kienu ġew imposti kollha.

(83) PSA bagħat ukoll kalkolu ssimplifikat tal-profitti ġġenerati minn PSA għall-attivitajiet tagħhom fid-DGD, u wera li fl-2013 l-attivitajiet kienu jagħmlu t-telf kieku l-penali dovuti oriġinarjament kienu ġew imposti kollha.

(84) PSA kkummenta wkoll dan li ġej:

— PSA seta' ġiegħel lill-GHA ttemm il-kuntratt ta' konċessjoni billi joħloq sitwazzjoni ta' użu dgħajjef.

— Il-persistenza mill-GHA fir-rekwiżit oriġinali tat-tunnellaġġ setgħet affettwat l-investimenti futuri ta' PSA fil-Port ta' Antwerp.

— It-tluq ta' PSA mill-Port ta' Antwerp ikollu konsegwenzi negattivi għall-GHA peress li, l-ewwel nett, il-GHA titlef id-dħul f'tariffi ta' konċessjoni ta' madwar EUR 12-il miljun fis-sena, u t-tieni, il-GHA kien ikollha tħallas kumpens finanzjarju għall-investimenti sinifikanti tal-proprjetà immobbli li PSA kien għamel. Barra minn hekk, PSA kien jastjeni milli jagħmel aktar investimenti fil-Port ta' Antwerp.

— Sorsi oħra ta' dħul għall-GHA kienu jkunu affettwati b'mod negattiv f'każ li PSA ikun telaq mill-port, bħall-ħlasijiet tal-port, li għandhom x'jaqsmu direttament mal-kwantità ta' traffiku attirat minn PSA.

— Fir-rigward tal-futur, il-GHA jkollha diffikultajiet biex issib konċessjonarju ġdid lest biex jaċċetta l-istess kundizzjonijiet li inizjalment ġew miftiehma ma' PSA.

(85) Fir-rigward tal-mistoqsija jekk PSA biddlitx id-direzzjoni tat-traffiku lejn portijiet oħra fejn l-MTRs kienu infurzati strettament, PSA enfasizza li l-GHA qatt ma rrinunzjat l-MTRs iżda aġġustathom biss u li l-MTRs aġġustati b'dan il-mod xorta jeħtieġu prestazzjoni aħjar mill-medja taż-żona Hamburg-Le Havre.

(86) Fir-rigward tad-daqs tat-tnaqqis, PSA kkummenta li l-kombinazzjoni ta' metodu ta' stima mhux preċiż, orjentat lejn il-futur, minn naħa, u l-Kriżi min-naħa l-oħra, wasslet lill-GHA biex tagħti t-tnaqqis tal-MTRs inkwistjoni. PSA indika wkoll f'dan il-kuntest li r-rekwiżiti tat-tunnellaġġ għall-konċessjonarji tad-DGD kienu progressivi filwaqt li dawk imposti fuq il-konċessjonarji l-oħra fil-Port ta' Antwerp kienu lineari.

(87) Fir-rigward ta' elementi bħall-ippjanar tal-użu tal-art, il-mobilità u l-impjiegi sostenibbli, PSA kkummenta li l-kunsiderazzjonijiet kummerċjali biss kienu jkunu diġà biżżejjed biex kreditur privat jasal għad-deċiżjoni meħuda mill-GHA.

(88) Fir-rigward tal-kredibbiltà ta' theddida minn PSA biex jibda proċedimenti legali, PSA rrefera għall-memorandum sottomess lill-GHA fi Frar 2013. F'dak il-memorandum, PSA esprima l-opinjoni li l-klawżola ta' penali li tinsab fil-ftehim ta' konċessjoni ma setgħetx tiġi infurzata taħt il-liġi Belġjana. Barra minn hekk, f'dak il-memorandum, PSA ħeġġeġ lill-GHA biex tikteb mill-ġdid il-klawżola ta' penali fid-dawl tal-volumi totali ta' PSA miksuba fit-terminals kollha f'Antwerp ([28]). Barra minn hekk, PSA afferma li kieku l-penali imposti bejn l-2009 u l-2013 instabu illegali u għalhekk ma setgħux jiġu infurzati skont il-Liġi Belġjana, l-għajnuna mill-Istat ma setgħetx tkun preżenti minħabba li talba mill-GHA fil-konfront ta' PSA ma kinitx teżisti. PSA żied li l-kwistjoni tal-legalità skont il-Liġi Belġjana tkun segwita aktar permezz tal-proċedimenti ta' arbitraġġ mibdija fil-frattemp.

(89) PSA kkontesta li l-miżuri inkwistjoni kienu ta' natura selettiva, minħabba li PSA u AG kienu f'sitwazzjoni speċjali meta mqabbla ma' operaturi tal-portijiet attivi f'baċiri oħra minbarra l-DGD. Id-DGD kien baċir speċifikament adattat biex jirċievi u jimmaniġġja kontejners tal-baħar fond. Operaturi oħra tal-port iffukaw fuq prodotti tal-metall u agrikoli u kienu jinsabu fuq baċir orjentat lejn il-loġistika. Konsegwentement, PSA u AG ma kinux kompetituri tal-Ilmentatur fl-opinjoni ta' PSA. PSA indika wkoll il-miżuri li ma ttieħdux speċifikament għal PSA u AG iżda li applikaw għall-konċessjonarji fid-DGD.

([28]) Minħabba li PSA wassal riżultati f'terminals oħra f'Antwerp lil hinn mill-MTRs applikabbli f'dawk it-terminali, huwa ppropona li jikkumpensa l-MTRs żejda kontra l-MTRs mhux milħuqa fid-DGD.

### 4.3. **Antwerp Gateway**

(90) AG indika li lanqas biss kien jaqbel mal-pagament imnaqqas ta' penali mitlub skont id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 ("Miżura 1"). Tilwima legali dwar din il-kwistjoni kienet pendenti mat-Tribunal tal-Arbitraġġ, wara li l-Qorti tal-Prim'Istanza f'Antwerp kienet iddikjarat lilha nnifisha inkompetenti biex tittratta l-kwistjoni minħabba l-klawżola ta' arbitraġġ fil-kuntratt ta' Konċessjoni.

(91) AG, l-ewwel nett, ikkontesta r-raison d'être tal-klawżoli ta' penali fi ftehimiet ta' konċessjoni bejn l-awtoritajiet tal-port u l-konċessjonarji. AG indika li l-għan tal-kumpaniji kummerċjali (bħal AG) huwa li jiġġeneraw il-profitti. Barra minn hekk, AG kien għamel investimenti sinifikanti fid-DGD u naturalment kellu inċentiv qawwi li jirċievi remunerazzjoni minnhom.

(92) Skont AG, l-iskop tas-sistema tal-penali kien li tevalwa l-massimizzazzjoni tal-kapaċità disponibbli u li tħeġġeġ lill-konċessjonarju biex isegwi u jikseb b'mod attiv il-massimizzazzjoni tal-kapaċità disponibbli.

(93) AG invoka wkoll li ma kellu jiġi impost l-ebda pagament ta' penali għal raġunijiet ta' force majeure fit-tifsira tal-Kodiċi Ċivili Belġjan. Force majeure kienet teżisti, skont AG, minħabba l-Kriżi. Element ieħor li l-konċessjonarji ma setgħux jinżammu responsabbli għalih u li impedixxa li l-bastimenti tal-kontenituri kbar ħafna jiġu ttrattati fil-port ta' Antwerp kien l-approfondiment imdewwem tax-Schelde.

(94) AG ikkunsidra wkoll il-ħlasijiet ta' penali taħt il-liġi Belġjana bħala illegali minħabba li kienu ta' natura purament punittiva u għalhekk ma kkumpensaw għal ebda telf potenzjali.

(95) Barra minn hekk, AG iddikjara li l-ammont ta' kumpens kien eċċessiv u mhux proporzjonat mat-telf potenzjali mġarrab mill-GHA. Il-kumpens għandu għalhekk jitnaqqas għal 25 % tal-ammont mitlub skont ir-regoli applikabbli skont il-Liġi Ċivili Belġjana.

(96) AG żied jgħid ukoll li l-ebda VAT ma għandha titħallas fuq l-ammont ta' kumpens mitlub mill-GHA, minħabba li ħlasijiet li setgħu jiġu kklassifikati bħala somom f'daqqa għal telf potenzjali ma kinux soġġetti għall-VAT.

## 5. **KUMMENTI MILL-BELĠJU**

### 5.1. **Kummenti mill-Belġju b'segwitu għad-Deċiżjoni ta' Ftuħ**

(97) Il-Belġju kkontesta li d-deċiżjonijiet tal-GHA kienu imputabbli lill-Istat. Fil-fehma tal-Belġju, is-sempliċi kompożizzjoni tal-Bord tad-Diretturi (deċiża mill-"Istat") u l-eżistenza ta' "Kummissarju tal-Portijiet" (b'setgħat aktar limitati mill-Kummissarju tal-Gvern fl-SNCB), filwaqt li titqies l-awtonomija ggarantita mid-Digriet dwar il-Portijiet, bl-ebda mod ma kienu evidenza suffiċjenti li l-azzjoni tal-GHA kellha tiġi imputata lill-Gvern. Għalhekk, is-sempliċi fatt li d-deċiżjoni tal-GHA tal-2013 kienet ġiet sottomessa lill-Bord ta' Tmexxija ma kienx biżżejjed biex wieħed jassumi li d-deċiżjoni kienet imputabbli lill-Istat.

(98) Barra minn hekk, il-Belġju kkontesta li l-GHA tat vantaġġi ekonomiċi lil PSA u AG meta adottat il-Miżuri 1 u 2. F'dan ir-rigward, il-Belġju rrefera għall-ġurisprudenza li fiha ġie kkontestat it-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq, b'mod partikolari *HAMSA vs Il-Kummissjoni* ([29]), *Il-Kummissjoni vs EDF* ([30]), *Spanja vs Il-Kummissjoni* ([31]) u *DM Transport* ([32]). Il-Belġju enfasizza li l-azzjoni mill-awtorità kienet raġonevolment konsistenti – fi kliem ieħor "proporzjonata" – mal-pożizzjoni li kreditur privat seta' adotta f'ċirkostanzi simili.

(99) Bħala kumment ġenerali, il-Belġju ssottometta li f'sentenza dwar il-merti tal-Qorti tal-Prim'Istanza fi Brussell fit-12 ta' Frar 2015, diġà ġie rikonoxxut li l-ebda għajnuna mill-Istat ma kienet ipprovduta u li l-GHA kienet aġixxiet bħala MEO, b'mod aktar preċiż bħala kreditur privat ipotetiku ([33]).

(100) Fir-rigward tad-dubji mqajma fid-deċiżjoni tal-ftuħ fir-rigward tal-intervall sinifikanti taż-żmien bejn il-bidu tal-Kriżi u d-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013, il-Belġju enfasizza li r-remissjonijiet jew il-ħlasijiet ta' dejn ta' spiss jiġu eżaminati għal bosta snin qabel ma tittieħed azzjoni legali.

([29]) Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Lulju 2002, *Hijos de Andrés Molina, SA (HAMSA) vs il-Kummissjoni*, T-152/99, ECLI:EU:C:2002:188, il-paragrafu 170.
([30]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Électricité de France (EDF)*, C-124/10 P, ECLI:EU:C:2012:318, il-paragrafi 78, 79, 86 u 103.
([31]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 1999, *Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Kummissjoni*, C-342/96, ECLI:EU:C:1999:210, il-paragrafu 46.
([32]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 1999, *Déménagements-Manutention Transport SA (DMT)*, C-256/97, ECLI:EU:C:1999:332, il-paragrafi 24 u 30.
([33]) Is-Sentenza ġiet appellata minn KN, ara l-premessa (25). Id-deċiżjoni tal-appell hija pendenti.

(101) Il-Belġju ddikjara wkoll li l-effetti tal-Kriżi, il-konsegwenzi eċċezzjonali għall-operaturi b'aktar MTRs u l-impatt fuq il-port kienu jirrikjedu investigazzjoni aktar bir-reqqa. It-tnaqqis enormi fit-traffiku, bi tnaqqis bla preċedent ta' 15,8 % fiż-żona ta' Hamburg-Le Havre u 15,6 % f'Antwerp, kellu konsegwenzi dejjiema u eċċezzjonali: fl-2012 it-trasbord tal-kontejners fil-Port ta' Antwerp kien għadu 0,1 % taħt il-livell tal-2008. Minħabba l-kombinazzjoni ta' tnaqqis ta' 15,6 % f'Antwerp fl-2009 u l-effett dejjiemi tal-Kriżi, il-GHA wettqet reviżjoni strutturali tal-kwistjoni tal-MTRs fl-2013. Barra minn hekk, il-proċedura għad-determinazzjoni u l-imputazzjoni tad-defiċits tal-volum ġiet formalizzata fuq bażi standard għall-konċessjonarji kollha b'rekwiżiti ta' tunnellaġġ fid-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013.

(102) Il-Belġju qajjem ukoll dubji dwar jekk l-investigazzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat għandhomx jikkonċernaw l-effiċjenza u l-kapaċità tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-gvern u mhux il-kwistjoni jekk l-effett finanzjarju u ekonomiku tal-azzjoni tal-gvern (u l-impatt tiegħu fuq in-nefqa tar-riżorsi tal-Istat) jikkorrispondux għall-azzjoni ta' kreditur privat. Jekk operatur privat kienx jasal għall-istess deċiżjoni aktar malajr kien ħafna inqas rilevanti.

(103) Fir-rigward tad-dubji mqajma fid-deċiżjoni tal-ftuħ fir-rigward tal-iskala tat-tnaqqis, il-Belġju tenna li PSA u AG biss kellhom iżidu b'mod progressiv l-MTRs, filwaqt li impriżi oħra kienu soġġetti għal MTRs fissi. Konsegwentement, ir-riperkussjonijiet tal-Kriżi kienu esponenzjalment ikbar għal PSA u AG milli għal konċessjonarji oħra, u l-applikazzjoni tal-istess trattament għal PSA/AG bħal dak applikat għal impriżi oħra kienet timplika diskriminazzjoni.

(104) Il-Belġju indika li l-MTRs applikabbli għal PSA u AG ġew osservati b'mod korrett fl-ewwel tliet snin, minkejja żieda sostanzjali ta' madwar 250 % minn 298 000 TEU fl-2006 għal 1 010 183 TEU fl-2008 fil-każ ta' PSA u minn 187 000 TEU fl-2006 għal 665 208 TEU fl-2008 fil-każ ta' AG.

(105) Il-Belġju indika wkoll li l-MTRs applikabbli għall-konċessjonijiet fid-DGD kienu fundamentalment differenti minn dawk imposti fuq KN, li żamm konċessjoni f'Vrasendok, inkwantu l-MTRs għal kull metru kwadru kienu madwar [14-19] tunnellati għall-konċessjonijiet tad-DGD, meta mqabbla ma' [2-4] tunnellati għal KN u l-kumpens pagabbli għal tunnellati nieqsa mill-konċessjonarji tad-DGD kien ta' madwar EUR [0,30-0,70] għal kull tunnellata, meta mqabbla ma' EUR [0,12-0,20] għal kull tunnellata għal KN. Kieku l-GHA kienet talbet lil PSA u AG iħallsu għad-defiċits fil-perjodu 2009-2012 ibbażati fuq il-kumpens għal kull tunnellata nieqsa applikabbli għal KN (jiġifieri EUR [0,12-0,20] għal kull tunnellata minflok EUR [0,30-0,70] għal kull tunnellata) -u abbażi tal-MTRs oriġinali applikabbli għal PSA u AG, l-ammont impost fuq PSA kien ikun ta' madwar EUR [10-15] miljun minflok EUR [8-10] miljun impost fir-realtà, l-ammont li jrid jitħallas lil AG kien ikun bejn wieħed u ieħor EUR [4-7] miljun minflok l-ammont ta' madwar EUR [2-5] miljun mitluba fir-realtà.

(106) Fl-2012, konċessjonarji oħra fil-port kisbu tunnellati fil-medda tal-livell ta' qabel il-Kriżi u ma kellhom l-ebda diffikultà biex jissodisfaw l-MTRs applikabbli.

(107) Skont l-MTRs oriġinali, PSA u AG kellhom jiksbu żieda addizzjonali ta' 70 %, filwaqt li t-traffiku ġenerali fil-port ta' Antwerp naqas bi 15,6 % fl-2009 u fl-2012 kien għadu kemm kemm taħt il-livell tal-2008. L-impatt esponenzjali tat-tnaqqis tal-2009 kien aktar gravi għal PSA u AG. Barra minn hekk, ma kienx biżżejjed għal PSA u AG li l-volumi ta' traffiku, kemm għall-port ta' Antwerp kif ukoll għalihom infushom, gradwalment treġġgħu lura għal-livell ta' qabel il-Kriżi. Filwaqt li għal operaturi oħra r-ritorn għal-livell ta' qabel il-Kriżi kien ifisser li m'għadx kellhom problemi, din is-sitwazzjoni xorta imponiet MTRs diffiċi fuq PSA u AG.

(108) Fil-prinċipju u kieku l-volum fid-DGD kien żviluppa b'mod normali fl-ewwel ftit snin, iż-żewġ operaturi kienu fir-realtà jiksbu l-volumi massimi tagħhom bil-mod normali. Wara l-irkupru mill-Kriżi tlieta jew erba' snin wara, huma ma kien ikollhom iħallsu l-ebda kumpens. Huwa biss minħabba li l-Kriżi seħħet fil-perjodu li l-baċir il-ġdid kien qed jinbena u minħabba s-sitwazzjoni speċifika fir-rigward ta' dak il-baċir il-ġdid li l-problema għal PSA u AG kienet ferm aktar serja milli għal operaturi oħra fil-port. Skont il-Belġju, la kien hemm selettività (peress li l-pożizzjoni tal-operaturi tad-DGD ma kinitx komparabbli ma' dik tal-operaturi l-oħra fil-port) u lanqas vantaġġ.

(109) Barra minn hekk, il-Belġju qal li l-MTRs oriġinali kienu bbażati fuq mudell speċifiku tas-suq mistenni appoġġjat minn kunsens wiesgħa dwar xejriet antiċipati. Madankollu, l-aspettattivi sottostanti sussegwentement instabu li ma kinux realistiċi minħabba ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tal-operaturi kkonċernati u l-GHA. F'Rotterdam, l-MTRs oriġinali ġew aġġustati għas-sitwazzjoni ekonomika mibdula qabel ma daħlu fis-seħħ il-konċessjonijiet ta' Tweede Maasvlakte. Hemm, ħadd ma għamel oġġezzjonijiet għal dan l-approċċ. B'analoġija, ma jkunx raġonevoli li jintalab li s-sistema ta' żidiet sostanzjali li għadhom imposti fuq PSA u AG anke għas-snin sussegwenti għandha tkompli tapplika, fi żmien meta l-ekonomija Ewropea kienet qed tiffaċċja Kriżi bla preċedent u li ma kinitx prevvista.

(110) Fir-rigward tar-riskju li PSA u AG, tal-inqas parzjalment, jitilqu mill-port ta' Antwerp, il-Belġju indika li fid-determinazzjoni ta' jekk il-GHA aġixxietx bħala investitur tas-suq privat, jistgħu jitqiesu u jridu jiġu kkunsidrati l-interessi fit-tul tal-awtorità tal-port. F'dan ir-rigward, il-Belġju ddikjara li l-valur assolut tal-pagamenti ta' konċessjoni u pagamenti relatati li PSA u AG iġġeneraw fil-perjodu 2008-2012 kien ħafna drabi ikbar mis-somma ta' EUR 13,5 miljun, il-kumpens dovut milAG u PSA skont id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 għall-MTRs emendati li ma ntlaħqux.

(111) Barra minn hekk, il-Belġju rrefera għal dħul ieħor assoċjat mal-konċessjonijiet ta' PSA/AG u b'mod partikolari għal dħul operattiv tal-GHA, li regolarment jaqbeż EUR [200-400] miljun għall-perjodu mill-2012 sal-2014. Minn dan id-dħul operattiv, [30-50] % kienu ġejjin minn tariffi ta' konċessjoni filwaqt li [30-50] % kienu ġejjin minn ħlasijiet tal-port imħallsa minn vapuri tal-irmiġġ.

(112) Barra minn hekk, il-Belġju indika li fl-2014 id-dħul dirett tal-GHA mill-immaniġġjar tal-konċessjonijiet miżmuma minn PSA u AG ammonta għal madwar EUR [50-90] miljun, li huwa madwar [15-40] % tal-fatturat totali tal-GHA.

(113) Fir-rigward tar-riskju li l-infurzar tal-MTRs oriġinali kien iwassal li PSA u AG inaqqsu l-operazzjonijiet tagħhom fil-port ta' Antwerp, il-Belġju indika li PSA u AG diġà ddeċidew fil-passat li jirtiraw l-investiment f'portijiet oħra. Il-Belġju fakkar li l-operaturi kkonċernati mexxew netwerk ta' madwar id-dinja kollha ta' terminals u li l-prestazzjoni u l-istrutturi tal-ispejjeż ta' terminals individwali jistgħu jiġu mqabbla ħafna aktar malajr fl-eżerċizzji ta' valutazzjoni komparattiva. Kif indika wkoll il-Belġju, f'portijiet oħra, ittieħdu passi (pereżempju tnaqqis tal-ħlasijiet tal-portijiet) biex jikkumpensaw parzjalment għall-ispejjeż tal-Kriżi u, wara l-Kriżi, saret disponibbli kapaċità żejda li ppermettiet li l-operazzjonijiet jiġu spostati. Fid-dawl tal-fatturi ta' hawn fuq, il-GHA kienet ikkunsidrat li PSA u AG ma jaqblux li jkollhom iħallsu tali ma laħqux l-MTRs oriġinali u li kien hemm periklu reali li jittrasferixxu lejn portijiet fil-qrib.

(114) Fir-rigward ta' jekk il-ftehimiet ta' konċessjoni setgħux jiġu tterminati jew emendati jew le, il-Belġju allega li PSA u AG setgħu invokaw force majeure fid-dawl tal-Kriżi jew sostnew li l-ħlasijiet ta' kumpens għal nuqqas ta' konformità mal-MTRs kienu klawżoli ta' penali projbiti u li huma għalhekk kienu invalidi (dan il-punt tqajjem kemm minn AG kif ukoll minn PSA fi proċeduri ta' arbitraġġ). Barra minn hekk, il-falliment ta' konċessjonarju li strutturalment jagħmel it-telf seta' wkoll wassal għat-terminazzjoni ta' kuntratt.

(115) Il-Belġju indika wkoll li fiż-żona ta' Hamburg-Le Havre, l-operaturi tat-terminal ikkompetew biex jiġbdu u jżommu l-volumi tat-traffiku. F'dan il-kuntest, il-GHA kellha tibqa' kompetittiva u kienet soġġetta għas-saħħa tax-xerrej tal-konċessjonarji.

(116) Kif spjega ulterjorment il-Belġju, il-GHA kellha żżomm f'moħħha li l-kuntratti ta' konċessjoni tfasslu f'ċirkostanzi ekonomiċi differenti, kemm fir-rigward tad-domanda (żieda qawwija) kif ukoll tal-kapaċità (kapaċità limitata fil-Majjistral tal-Ewropa). Il-konsegwenza tal-Kriżi kienet li l-portijiet bdew joperaw f'suq tax-xerrejja. Għalhekk il-kumpaniji tat-trasport marittimu, parzjalment minħabba d-daqs tagħhom u s-sitwazzjoni tal-kapaċità, saru l-parti dominanti u użaw is-saħħa tan-negozjati tagħhom.

(117) Rigward il-fatt jekk id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 wasslitx speċifikament lil PSA u AG biex jittrasferixxu t-traffiku tagħhom lejn portijiet oħra li fihom il-konformità mar-rekwiżiti tat-tunnellaġġ ġiet strettament infurzata sabiex jiġi evitat li jiġu sanzjonati f'dawk il-portijiet, il-Belġju rrefera għal passi meħuda minn portijiet oħra biex jitnaqqsu l-effetti tal-Kriżi għall-utenti tal-port, pereżempju billi jitnaqqsu l-ħlasijiet tal-port. Il-Belġju semma wkoll l-eżempju ta' Hutchinson Whampoa li ppospona l-investimenti tiegħu fl-estensjoni tal-port tiegħu stess ta' Felixstowe u li l-operatur (DP World) tal-port tal-kontejners u l-park loġistiku ta' London Gateway naqqas ukoll l-investimenti tiegħu jew ipposponihom kompletament jew parzjalment. F'dan il-kuntest, il-Belġju madankollu ma kkwota l-ebda każ li kien jikkonċerna t-tnaqqis fl-MTRs iżda afferma li l-eżempji msemmija jindikaw l-istess idea sottostanti, li kienet it-tnaqqis fl-investimenti jew impenji matul il-Kriżi.

(118) Il-Belġju spjega wkoll li minħabba li fl-2013 biss il-GHA ddeċidiet kif tittratta l-MTRs li ma ntlaħqux mill-2009 sal-2012, ma kien hemm l-ebda inċentiv għal PSA u AG biex jiddevjaw it-traffiku lejn portijiet oħra.

(119) Fir-rigward ta' aspetti bħall-ippjanar tal-użu tal-art, il-mobilità u l-impjiegi fit-tul fid-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013, il-Belġju indika li f'dan il-każ il-kunsiderazzjonijiet tal-ippjanar tal-użu tal-art u l-impjiegi fit-tul isaħħu l-motivi ekonomiċi. Anke sakemm kunsiderazzjonijiet bħal dawn kellhom ukoll rwol, saħħew l-idea li l-azzjoni tal-GHA kienet imnissla mix-xewqa li tevita li PSA u AG jitilqu mill-port ta' Antwerp. Fil-fehma tal-Belġju, is-sempliċi referenza għal aspetti mhux ekonomiċi ma setgħetx tnaqqas mill-konklużjoni li l-GHA kienet aġixxiet bħala investitur tas-suq privat.

(120) Fir-rigward tar-riskju li PSA u AG ħadu azzjoni legali biex jikkontestaw l-infurzar tal-MTRs kuntrattwali sħaħ, il-Belġju enfasizza li awtorità pubblika tista' tikkunsidra r-riskji proċedurali meta tiddeċiedi dwar l-azzjoni tagħha (eż. ir-riskju ta' skedar mill-ġdid tad-dejn possibbilment twil jew proċeduri ta' falliment) ([34]) u li r-regoli tal-għajnuna mill-Istat, pereżempju, ma jipprekludux awtomatikament arranġament ta' saldu ([35]). Sussegwentement, l-eżistenza ta' talba possibbilment leġittima kienet tabilħaqq fattur rilevanti meta jiġi kkunsidrat jekk l-awtorità pubblika aġixxietx bħala kreditur privat ([36]). Għalhekk, il-GHA kellha tikkunsidra li PSA u AG setgħu jikkontestaw il-ġbir sħiħ tal-kumpens għall-MTRs li ma ntlaħqux fil-qrati nazzjonali jew l-arbitraġġ, u li ġbir sħiħ bħal dan seta' ġie miċħud mill-qrati jew mill-arbitraġġ, *inter alia*, għar-raġuni li kien abbuż tal-liġi mill-GHA jew eżekuzzjoni tal-klawżola ta' penali punittiva.

(121) Il-Belġju rrefera għall-premessa 78 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, li tgħid li l-Belġju, sabiex jipprova l-allegat riskju ta' litigazzjoni, ipprovda lill-Kummissjoni b'ittri minn PSA u AG li jispjegaw il-perspettiva legali tagħhom. Madankollu, l-ittri kienu datati d-19 ta' Frar 2013 u t-23 ta' Frar 2013. Għalhekk intbagħtu mill-allegati benefiċjarji lill-GHA wara li l-ilment f'dan il-każ ġie mgħoddi lill-Belġju għal kummenti fid-29 ta' Jannar 2013. Il-Belġju ddikjara li fiż-żmien li sar l-ilment ma kienet għadha ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar l-MTRs li ma ntlaħqux għall-perjodu mill-2009 sal-2012. Billi dik id-deċiżjoni ttieħdet biss fid-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013, PSA u AG ma setgħu jieħdu l-ebda azzjoni legali quddiem id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 u l-ilment dwar l-għajnuna mill-Istat.

(122) Minbarra d-dubji mqajma mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Belġju osserva li anke l-MTRs aġġustati kienu għadhom sostanzjalment ogħla mill-MTRs proposti minn PSA u AG fil-konsultazzjoni oriġinali tas-suq li, wara offerta pubblika, wasslu għall-għoti ta' konċessjonijiet inkwistjoni lil PSA u AG. Preċiżament, ir-rekwiżiti tat-tunnellaġġ inizjali ta' 16 700 000 tunnellata (= 1 336 000 TEU) ġew miżjuda sussegwentement għal 53 932 500 tunnellata (= 4 131 600 TEU). Iż-żieda sinifikanti fl-MTRs seħħet minħabba li rikonfigurazzjoni tad-diversi konċessjonijiet fuq in-naħa tax-xellug u l-lemin tad-DGD ippermettiet ukoll l-ottimizzazzjoni tat-trasbord mill-operaturi kkonċernati. Fl-aġġustament, il-previżjonijiet kienu bbażati fuq l-ogħla livell fis-suq.

(123) Il-Belġju allega wkoll li d-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 kienet konsistenti ma' deċiżjonijiet simili minn awtoritajiet oħra tal-port, li, fil-fehma tal-Belġju, kienu evidenza ulterjuri tal-"konformità mas-suq" tiegħu.

(124) Fir-rigward tal-Miżura 2, il-Belġju kkummenta li skont id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013, l-MTRs aġġustati baqgħu applikabbli sa tmiem il-kuntratt ta' konċessjoni.

(125) Il-Belġju indika wkoll li wara t-trasferiment miftiehem tal-art, AG kellu jissodisfa l-MTRs applikabbli b'żona ta' konċessjoni ta' madwar 30 % iżgħar minn qabel. Għalkemm AG ma kienx qed juża l-parti li ġiet ittrasferita wara lil PSA, l-MTRs kienu għadhom qed jikbru u AG kien ikollu bżonn l-ispazju fil-futur.

(126) Il-Belġju afferma wkoll li ma kien hemm l-ebda selettività fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Kif spjega l-Belġju, kull sena l-konċessjonarji b'rekwiżiti ta' tunnellaġġ ġew mistiedna biex jispjegaw u jqisu d-defiċits fil-volum skont il-proċedura uniformi stabbilita fid-deċiżjoni tal-GHA tal-2013. Għalhekk, il-GHA kienet ittrattathom kollha b'mod ugwali. L-ilmentatur innifsu jista' jieħu vantaġġ minn din is-sistema. Skont il-Belġju, kien hemm "sistema ta' referenza" waħda fit-tifsira tal-Abbozz ta' Avviż tal-Kummissjoni tal-2014 ([37]), li applikat għall-konċessjonarji kollha.

### 5.2. **Kummenti mill-Belġju b'segwitu għall-kummenti minn partijiet terzi**

(127) Il-Belġju tenna r-riskju li PSA u AG jistgħu jitilqu mill-Port ta' Antwerp jekk il-pagamenti ta' kumpens jiġu infurzati. F'dan il-kuntest, huma indikaw l-eżempju ta' PSA u AG, li fil-passat kienu rtiraw l-investiment f'Dubai

([34]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Jannar 2013, *Frucona Košice a.s. vs il-Kummissjoni Ewropea*, C-73/11P, ECLI:UE:C:2013:32, il-paragrafu 81; Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Marzu 2013, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Buczek Automotive sp. z o.o.*, C 405/11P, ECLI:UE:C:2013:186, il-paragrafu 59ff.

([35]) Pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2000 dwar il-miżura ta' għajnuna mill-Istat Nru 94/98, il-Ġermanja, Leuna 2000/Elf/Mider, Ftehim ta' Soluzzjoni, (ĠU C 327, 28.12.2002, p. 10), SG(2000) D/102293, il-paragrafu 19ff.; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/276/UE tas-26 ta' Mejju 2010 dwar l-għajnuna mill-Istat taħt forma ta' ftehim fiskali dwar it-tranżazzjonijiet implimentata mill-Belġju favur il-kumpanija Umicore S.A. (ex "Union Minière S.A." ) (Għajnuna mill-Istat C 76/03 (ex NN 69/03)) (ĠU L 122 tal-11.5.2011, p. 76).

([36]) Id-Deċiżjoni 2011/276/UE.

([37]) Abbozz ta' Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, Brussell, 2014, http://ec.European.eu/competition/consultations/2014_state_aid_notion/draft_guidance_nl.pdf, il-paragrafu 126ff.

u fl-Indja. Barra minn hekk, PSA temm qabel iż-żmien il-konċessjoni tagħhom fil-port ta' […]. Għalhekk, il-biża' tal-GHA li PSA u AG jistgħu jtemmu wkoll il-konċessjonijiet f'Antwerp kienet reali u d-deċiżjonijiet meħuda mill-GHA biex jitnaqqsu l-MTRs, u b'hekk li titneħħa parti mill-ħlasijiet ta' kumpens kienu konformi mal-MEOP.

(128) Il-Belġju tenna wkoll li parteċipanti oħra fis-suq ħadu azzjonijiet simili bħall-GHA billi naqqsu l-investimenti ppjanati jew billi xerrduhom fuq perjodi itwal milli kien previst fil-bidu. Barra minn hekk, awtoritajiet oħra tal-port naqqsu t-tariffi tal-port u l-MTRs (għalkemm uħud mill-awtoritajiet tal-port l-ewwel nett ma applikaw l-ebda MTRs).

(129) Minbarra l-kummenti ppreżentati minn KN, il-Belġju kkontesta li KN kien qed jikkompeti ma' PSA u AG u rrefera f'dan il-kuntest għal deċiżjonijiet mir-Raad van State u tal-Hof van Beroep.

(130) Fir-rigward tas-selettività, il-Belġju ma qabilx mal-allegazzjoni ta' KN li d-Deċiżjonijiet tal-GHA ma ttieħdux fil-qafas ta' "politika ġenerali". Anzi, id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 ipprovdiet miżura ġenerali li kellha l-għan li tindirizza l-konsegwenzi tal-Kriżi u kienet tikkonċerna t-traffiku tal-kontejners kif ukoll it-traffiku tal-merkanzija bl-ingrossa. Skont il-Belġju, id-deċiżjoni meħuda għal PSA u AG qieset is-sitwazzjoni fattwali speċifika ta' dawn iż-żewġ konċessjonarji.

(131) Fir-rigward tal-kummenti ta' KN b'segwitu għall-Miżura 2, il-Belġju nnota li KN, meta sostna li l-MTRs ogħla għandhom japplikaw anke għal PSA, naqas milli jirrikonoxxi l-kuntest usa' tar-relazzjoni bejn il-GHA u l-konċessjonarji. Barra minn hekk, KN ma kkunsidrax li l-għan primarju tal-MTRs kien li jinċentivaw l-konċessjonarji biex jagħmlu użu mill-potenzjal ta' konċessjoni kemm jista' jkun u mhux li jikkostitwixxu sors awtonomu ta' dħul.

### 5.3. **Is-sottomissjonijiet tal-Belġju b'segwitu għat-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni**

#### 5.3.1. *Vantaġġ — Miżura 1*

(132) Il-Belġju wera li l-GHA f'diversi każijiet irrinunzjat il-ħlasijiet ta' kumpens mingħand konċessjonarji, minbarra PSA u AG, b'deroga mill-klawżoli ta' kumpens ipprovduti fil-ftehimiet ta' konċessjoni rispettivi fejn l-MTRs previsti kuntrattwalment ma ġewx issodisfati mill-2009 sal-2012. F'bosta każijiet oħra, il-GHA ġabret pagamenti ta' kumpens skont il-klawżoli ta' kumpens ipprovduti fil-ftehimiet ta' konċessjoni rispettivi minn konċessjonarji li ma kinux issodisfaw l-MTRs stabbiliti kuntrattwalment.

(133) Id-deċiżjonijiet jekk jiġux imposti jew le ħlasijiet ta' kumpens segwew proċedura applikata mill-GHA. Pereżempju, f'April 2010, il-GHA stiednet lit-titolari tal-konċessjonijiet fil-Port ta' Antwerp biex jispjegaw għaliex ma laħqux l-MTRs kuntrattwali tagħhom fl-2009.

(134) Bi tweġiba għat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ġunju 2016 dwar in-nuqqas ta' ssodisfar possibbli tal-MTRs minn AG lil hinn mill-2014, il-Belġju ċċara li l-GHA ddeċidiet ([38]) li tistenna l-eżitu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali tal-Kummissjoni qabel ma ħadet deċiżjoni għas-sena 2015. Barra minn hekk, il-GHA riedet ukoll tistenna l-eżitu tad-deċiżjoni tal-Kulleġġ tal-Arbitri. Posponiment tad-deċiżjoni ma jimplikax li AG kien se jinħeles minn kwalunkwe ħlas għas-sena 2015. Il-GHA espliċitament irriżervat id-drittijiet kollha li jikkonċernaw il-fatturazzjoni ta' possibbiltà ta' nuqqas ta' ssodisfar tal-MTRs minn AG. F'din id-deċiżjoni l-GHA enfasizzat ukoll li posponiment tad-deċiżjoni rigward l-MTRs għas-sena 2015 ma setax jiġi interpretat bħala rinunzja tad-drittijiet mill-GHA.

(135) Il-Belġju informa wkoll lill-Kummissjoni li kien reġa' daħħal l-MTRs oriġinali għal AG b'effett għas-sena 2015, aġġustati kif xieraq għat-telf tal-art disponibbli wara t-trasferiment tal-art.

#### 5.3.2. *Vantaġġ — Miżura 2*

(136) Fir-rigward tal-mistoqsija għalfejn il-GHA ma daħħlitx l-MTRs oriġinali sħaħ mill-ġdid fir-rigward ta' PSA fl-2014 imma pjuttost daħħlithom mill-ġdid bl-MTRs ta' 1 400 000 TEU fl-2014 u 2 000 000 TEU fl-2015, u laħqu l-livell sħiħ ta' 2 559 600 TEU fl-2016 biss, il-Belġju spjega dan li ġej:

([38]) Is-sottomissjoni tal-Belġju datata 4 ta' April 2017 li tirreferi għad-Deċiżjoni tal-GHA Nru 161146 datata 17 ta' Mejju 2016.

(137) Jekk wieħed jassumi li fl-2014 l-attività ekonomika setgħet diġà laħqet il-livell ta' qabel il-Kriżi, dan ma jfissirx li għall-operaturi tad-DGD (AG u PSA), l-MTRs jistgħu jerġgħu lura fil-livell oriġinali tagħhom. Tabilħaqq, filwaqt li wara 3 sa 5 snin it-traffiku reġa' lura għal-livell ta' qabel il-Kriżi, l-MTRs ma kinux baqgħu fl-istess livell, imma baqgħu jiżdiedu. Dan huwa speċifiku għad-DGD peress li dan kien l-uniku terminal fejn matul il-Kriżi, l-MTRs kienu għadhom qed jiżdiedu kull sena minħabba l-bidu tal-operazzjonijiet fid-DGD u l-fatt li dejjem jeħtieġu bosta snin biex jarmaw terminal ġdid u jibdew jieħdu traffiku addizzjonali ġdid sal-kapaċità massima. Iddikjarat b'mod differenti, filwaqt li f'sitwazzjoni normali ta' MTRs fissi, l-ilħuq tal-livell ta' qabel il-Kriżi jsolvi n-nuqqasijiet tal-MTRs minħabba l-Kriżi, dan mhux il-każ għall-konċessjonijiet fid-DGD. Dan waħdu, iqiegħed lill-operaturi fid-DGD f'sitwazzjoni ferm aktar diffiċli u jiġġustifika perjodu ħafna itwal biex jiġu rkuprati. Wieħed jista' jikkunsidra dan ukoll minn perspettiva differenti: it-treġġigħ lura għal-livelli oriġinali jimplika li l-GHA imponiet żidiet saħansitra aktar importanti fit-traffiku addizzjonali tal-kontejners minn dak li ġie stabbilit fil-ftehimiet ta' konċessjoni attwali. Ovvjament, hemm limiti għal dak li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli.

### 5.3.3. *Simulazzjonijiet ta' profitt fit-tul*

(138) Il-Belġju bagħat kalkoli dettaljati, li juru li l-ammont ta' penali rinunzjati jkun ikkumpensat minn dħul ogħla fit-tul. Il-kalkoli kienu parzjalment ibbażati fuq evidenza *ex ante* iżda bħala tali saru *ex post*.

## 6. VALUTAZZJONI

### 6.1. L-eżistenza tal-għajnuna

(139) Il-Kummissjoni trid teżamina jekk il-miżuri kkonċernati minn din il-proċedura jistgħux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(140) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, "kull għajnuna ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti prodotturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(141) Il-klassifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni teħtieġ li jiġu ssodisfati b'mod kumulattiv il-kundizzjonijiet li ġejjin: (i) il-miżura trid tkun imputabbli għall-Istat u ffinanzjata permezz tar-riżorsi tal-Istat; (ii) trid tagħti vantaġġ ekonomiku lil impriża; (iii) dak il-vantaġġ irid ikun selettiv; u (iv) il-miżura trid tkun waħda li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u trid taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(142) Konsegwentement, jekk xi waħda mill-kriterji ta' hawn fuq ma tkunx issodisfata, il-miżura ma tistax tiġi kkwalifikata bħala għajnuna mill-Istat. Fir-rigward ta' dan il-każ, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li tivvaluta jekk xi waħda miż-żewġ miżuri tatx vantaġġ lill-allegati benefiċjarji.

(143) Vantaġġ skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat huwa kull benefiċċju ekonomiku li impriża ma setgħetx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat.

(144) Sabiex jiġi ddeterminat, għall-fini tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, jekk it-tnaqqis tal-kumpensi mill-GHA tax vantaġġ ekonomiku lil PSA u lil AG, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi jekk il-GHA aġixxietx b'mod komparabbli ma' dak ta' operatur privat f'sitwazzjoni simili. Skont il-prinċipju tal-operatur ta' ekonomija tas-suq, miżura mwettqa mill-Istat ma tinvolvix għajnuna fejn, f'ċirkustanzi simili, investitur privat ta' daqs komparabbli ma' dak tal-korpi li joperaw fis-settur pubbliku seta', waqt l-operat fil-kundizzjonijiet normali tas-suq ta' ekonomija tas-suq, ġie mħeġġeġ jipprovdi lill-benefiċjarju l-miżuri inkwistjoni ([39]).

(145) Skont il-ġurisprudenza stabbilita ([40]), il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-Miżuri għandhom jiġu analizzati fil-kuntest tal-perjodu li matulu ttieħdu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha, fl-evalwazzjoni tal-miżuri inkwistjoni, teżamina l-elementi kollha rilevanti u l-kuntest tagħhom ([41]).

([39]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 1996, *Syndicat français de l'Express international (SFEI) u oħrajn vs La Poste u oħrajn*, C-39/94, ECLI:EU:C:1996:285, il-paragrafi 60-61. Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2003, *Westdeutsche Landesbank Girozentrale u Land Nordrhein-Westfalen vs Il-Kummissjoni*, Il-Kawżi Magħquda T-228/99 u T-233/99, ECLI:EU:T:2003:57, il-paragrafu 208.

([40]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, *Ir-Repubblika Franċiża vs Il-Kummissjoni ("Stardust Marine")*, C-482/99, ECLI:EU:C:2002:294, il-paragrafu 71. ("…*sabiex jiġi eżaminat jekk l-Istat adottax il-kondotta ta' investitur prudenti li jopera f'ekonomija tas-suq, huma meħtieġ li wieħed ipoġġi lilu nnifsu fil-kuntest tal-perjodu li fih ittieħdu l-miżuri ta' appoġġ finanzjarju*…").

([41]) Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2017 *Germanwings vs Il-Kummissjoni*, T-375/15, ECLI:EU:T:2017:289, il-paragrafu 77 u l-ġurisprudenza ċċitata.

6.1.1. *Vantaġġ possibbli mogħti permezz tal-Miżura 1 – Id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013*

(146) Il-Kummissjoni tinnota li, kif spjegat fid-deċiżjoni tal-ftuħ, l-impatt tal-Kriżi għandu jitqies fl-evalwazzjoni tal-konformità tas-suq tal-Miżura 1. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li fiż-żmien li bdiet il-Kriżi, b'mod partikolari fl-2008 u l-2009, PSA u AG biss kienu soġġetti għall-MTRs progressivi, li żdiedu minn sena għal sena, filwaqt li l-konċessjonarji l-oħra kollha fil-Port ta' Antwerp, inkluż l-Ilmentatur, kienu soġġetti għal MTRs fissi (ara l-premessa 29). Għalhekk, fil-kuntest tal-Kriżi, is-sitwazzjoni ta' PSA u AG kienet speċifika u distinta minn operaturi oħra attivi fil-Port ta' Antwerp.

(147) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-impatt bla preċedent tal-Kriżi ġiegħel lill-impriżi fis-setturi kollha tal-ekonomija biex jerġgħu jaġġustaw l-imġiba tagħhom.

(148) Barra minn hekk, minbarra l-kuntest tal-Kriżi, il-Kummissjoni tinnota li ż-żamma tal-kooperazzjoni ma' PSA u AG kienet importanti għall-interessi fit-tul tal-port.

(149) Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li KN, l-Ilmentatur (ara l-premessa 21), u operaturi oħra fil-Port ta' Antwerp (ara l-premessa 131), ingħataw aġġustamenti tal-MTRs favur tagħhom fil-kuntest tal-Kriżi.

(150) Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, huwa konċepibbli li operatur ta' ekonomija tas-suq fil-pożizzjoni tal-GHA kien ukoll jaġġusta mill-ġdid l-MTRs applikabbli kuntrattwalment fid-dawl tal-Kriżi.

(151) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni madankollu qajmet dubji dwar jekk il-GHA aġixxietx bħala operatur ta' ekonomija tas-suq meta implimentat il-Miżura 1.

L-intervall taż-żmien bejn il-bidu tal-Kriżi u d-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013

(152) B'mod partikolari, fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni kkunsidrat li operatur razzjonali tas-suq privat kien jimmira li jimmassimizza l-profitti tiegħu (jew inaqqas it-telf tiegħu) billi jibda l-irkupru tas-somom dovuti mill-aktar fis possibbli. Fil-każ inkwistjoni, kien hemm intervall sinifikanti taż-żmien bejn il-bidu tal-Kriżi u d-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013, li ttratta b'mod retroattiv il-kwistjoni ta' kumpensi mhux imħallsa billi naqqashom b'mod sinifikanti.

(153) Barra minn hekk, kif indikat fil-punt 6.4 tad-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013, il-kwistjoni tal-MTRs kienet is-suġġett ta' bosta diskussjonijiet tal-Bord tad-Diretturi tal-GHA matul is-snin ([42]). Madankollu, matul dawk il-laqgħat, il-Bord tad-Diretturi ddiskuta kwistjonijiet li jikkonċernaw id-*data* tat-traffiku kif ukoll il-Kriżi iżda mhux direttament il-kwistjoni li tintbagħat fattura għall-kumpensi dovuti lil PSA u lil AG għal nuqqas ta' konformità mal-MTRs. Dan huwa indikat direttament fil-punt 5.3 tad-Deċiżjoni GHA tal-2013, li tiddikjara li, anke jekk il-kwistjoni tal-MTRs kienet soġġetta għal konsultazzjonijiet li għaddejjin, il-fatturazzjoni tal-kumpensi dovuti ġiet posposta ([43]).

(154) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk operatur razzjonali privat tas-suq kienx jistenna għal erba' snin b'deċiżjoni dwar it-tnaqqis tal-kumpensi dovuti, jiġifieri mill-2009 sal-2013.

(155) Billi indirizza dawn id-dubji, il-Belġju bagħat korrispondenza bejn il-GHA u PSA u AG rispettivament, u wera li minn Diċembru 2009, saru diskussjonijiet fir-rigward tat-tnaqqis tal-MTRs oriġinali. F'dan il-kuntest, il-GHA inizjalment issuġġerixxiet li tnaqqas l-MTRs oriġinali bir-rata ta' tnaqqis osservata fiż-żona ta' Hamburg-Le Havre f'dik is-sena (jiġifieri: – 15,8 %) ([44]). Minn dakinhar, il-GHA fakkret b'mod ripetut lil PSA u lil AG dwar l-MTRs li ma ntlaħqux u talbet għall-pożizzjoni tagħhom. PSA u AG indikaw f'diversi tweġibiet l-importanza tagħhom għall-iżvilupp tal-port, taw ħjiel tal-possibbiltà li jiċċaqalqu lejn portijiet oħra, u tal-impatt tal-Kriżi. Barra minn hekk, kemm PSA kif ukoll AG ippreżentaw ukoll opinjonijiet legali mill-konsulenti tagħhom, u spjegaw għalfejn il-klawżoli ta' penali ma kinux applikabbli jew ma kinux infurzabbli. Dawk l-argumenti intużaw aktar tard kemm minn PSA kif ukoll minn AG f'tilwim ta' arbitraġġ kontra l-GHA.

---

([42]) Is-suġġett kien fuq l-aġenda tal-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi fit-12 ta' Mejju u l-1 ta' Settembru 2009, id-29 ta' Ġunju u l-5 ta' Ottubru 2010, l-1 ta' Frar, il-11 ta' Ottubru u t-8 ta' Novembru 2011 u t-3 ta' Lulju, l-4 ta' Settembru, is-6 ta' Novembru u t-18 ta' Novembru 2012.

([43]) Barra minn hekk, b'referenza għal PSA Antwerp, il-punt 4.3 tad-Deċiżjoni tal-2013 jiddikjara li d-deċiżjoni ttieħdet biex il-fattura tiġi posposta għal aktar investigazzjoni.

([44]) Ara perezempju, l-ittra elettronika tal-GHA lill-AG tal-14 ta' Jannar 2011, b'referenza għal ittra tat-3 ta' Diċembru 2010. Ta' min jinnota li l-kuntratti ta' konċessjoni pprevedew li fil-każ ta' tnaqqis tal-kapaċità ta' trasbord matul il-konċessjoni, mhux attribwibbli għall-konċessjonarju, il-volumi li għandhom jinkisbu jenħtieġ ukoll li jitnaqqsu fuq bażi pro rata.

(156) Il-Kummissjoni tikkonkludi li fil-kuntest tal-Kriżi u fid-dawl tal-korrispondenza estensiva bejn il-GHA, fuq naħa, u PSA u AG min-naħa l-oħra, wieħed ma setax jakkuża lill-GHA b'nuqqas ta' azzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' pagament tal-penali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li s-sitwazzjoni ta' PSA u ta' AG dehret partikolarment delikata minħabba li l-MTRs tagħhom kienu progressivi (filwaqt li dawk ta' konċessjonarji oħra kienu lineari) u d-DGD kien għadu fil-fażi tal-bidu (għalhekk l-operazzjonijiet tiegħu setgħu ġew affettwati b'mod differenti minn operazzjonijiet f'terminals oħra). Għalhekk, il-fatt li l-GHA ħadet deċiżjoni finali biss fl-2013 ma tikkostitwixxix fiha nnifisha indikazzjoni li ma kienx hemm konformità mat-test tal-MEO, peress li operatur ta' ekonomija tas-suq seta' ħa deċiżjoni bħal din fi żmien simili.

Id-daqs tal-aġġustament

(157) Fir-rigward tat-tnaqqis tal-kumpens innifsu, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk operatur razzjonali tas-suq privat kienx jagħti lil PSA u lil AG tnaqqis fid-daqs mogħti mill-GHA. F'dan ir-rigward, id-deċiżjoni tal-ftuħ qabblet tnaqqis fit-traffiku fid-DGD ta' – 38,6 % fl-2009 ma' tnaqqis totali tal-kumpens fl-ordni ta' madwar – 80 %.

(158) Għandu jiġi ċċarat li t-tnaqqis ta' 80 % jirreferi mhux għall-2009 biss iżda għall-perjodu sħiħ ta' erba' snin mill-2009 sal-2012. Meta wieħed janalizza s-sena 2009 biss, it-tnaqqis tal-medja ponderata tal-MTRs applikabbli għal PSA u għal AG kien ta' – 38,6 %, jiġifieri ugwali għat-tnaqqis fit-traffiku fid-DGD imsemmija fil-premessa 157. It-tnaqqis totali applikat kien ta' madwar – 80 % għax kopra wkoll is-snin mill-2010 sal-2012.

(159) Il-Kummissjoni tfakkar li huwa konċepibbli li operatur ta' ekonomija tas-suq fil-pożizzjoni tal-GHA kien inaqqas l-MTRs fil-kuntest ta' kriżi u bil-ħsieb li tinżamm kooperazzjoni fit-tul, kif indikat fil-premessa 150 ta' din id-deċiżjoni. Madankollu, dan ma jwassalx għall-konklużjoni awtomatika li kwalunkwe tnaqqis fl-MTRs huwa konformi mas-suq. Għalhekk, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar id-daqs tat-tnaqqis fl-MTRs applikat mill-GHA, u trid tivvaluta jekk id-daqs ta' dan it-tnaqqis jirriflettix l-imġiba ta' operatur tas-suq prudenti.

(160) L-Ilmentatur allega li jkun ċirkulari li tintuża l-prestazzjoni tad-DGD bħala bażi għall-aġġustament tal-MTRs ta' PSA u AG. Minflok, hekk kif argumenta l-Ilmentatur, għandu jintuża t-tnaqqis totali tat-traffiku fil-Port kollu (– 16 %).

(161) Mill-perspettiva tal-GHA bosta fatturi huma *a priori* inkwistjoni għall-fini tal-aġġustament tal-MTRs fil-kuntest tal-Kriżi. Il-Kummissjoni tinnota li l-GHA applikat taħlita ta' żewġ fatturi. Wieħed huwa l-evoluzzjoni tat-traffiku fiż-żona ta' Hamburg-Le Havre u l-ieħor huwa t-tnaqqis fit-traffiku fid-DGD.

(162) L-ewwel fattur huwa definit bħala s-somma tal-volumi tat-traffiku tal-kontejners tal-portijiet kollha f'dik iż-żona. Hija fin-natura ta' żona li tinkludi diversi portijiet li wħud mill-portijiet joperaw aħjar, u oħrajn agħar minn dik iż-żona. Kull baċir individwali f'kull port tipikament jaħdem ukoll b'mod differenti mill-medja tal-port. Bħala konsegwenza, it-tqabbil tal-prestazzjoni ta' baċir individwali mal-prestazzjoni taż-żona kollha ta' Hamburg-Le Havre, li hija bbażata fuq il-kumpilazzjoni ta' sett ta' *data* relattivament kbir, ħafna drabi jista' jwassal għal konklużjonijiet mhux xierqa. Barra minn hekk, kull baċir jista' jiġi affettwat b'mod differenti mill-Kriżi. Dan jitkellem favur it-tqabbil ta' kull baċir individwali ma' *data* li ġejja minn sett ta' *data* komparabbli.

(163) Madankollu, il-limitu tat-tnaqqis tas-sett tad-*data* għandu jintlaħaq fil-punt fejn dan tal-aħħar isir ċirkolari (ara f'dan ir-rigward l-allegazzjoni tal-Ilmentatur; premessa 160). Iċ-ċirkularità tirriżulta fl-eliminazzjoni tal-inċentiv għad-detentur tal-konċessjoni biex jikseb ċerti MTRs minħabba li l-MTRs – fid-dawl tal-effett ċirkolari – ikunu allinjati b'mod retroattiv mal-prestazzjoni attwali tad-detentur tal-Konċessjoni.

(164) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-aġġustament applikat mill-GHA mhuwiex ċirkolari peress li huwa bbażat fuq taħlita ta' żewġ fatturi. Wieħed huwa ż-żona ta' Hamburg-Le Havre u l-ieħor huwa t-tnaqqis fit-traffiku fid-DGD. Il-Kummissjoni tinnota li l-użu taż-żona ta' Hamburg-Le Havre bħala komponent tal-matriċi ta' aġġustament tal-MTRs huwa xieraq peress li jifforma l-aktar sett ta' *data* wiesgħa possibbli disponibbli fir-rigward ta' operaturi fil-port ta' Antwerp. F'termini ta' volum tat-traffiku tal-kontejners, il-Port ta' Antwerp jirrappreżenta sehem sinifikanti fiż-żona ta' Hamburg-Le Havre, peress li jikklassifika fit-tieni post wara l-Port ta' Rotterdam. Barra minn hekk, il-prestazzjoni taż-żona ta' Hamburg-Le Havre hija fi kwalunkwe każ aġġustata għall-iżvantaġġ ta' PSA u ta' AG taħt ir-regola 75/125 (ara l-premessa 21). Fil-fatt, ir-regola timplika li PSA u AG irid ikollhom prestazzjoni aħjar ta' 25 % miż-żona ta' Hamburg-Le Havre. Fil-fatt, il-fattur ta' korrezzjoni ta' 25 % huwa wkoll ibbażat fuq *data* (storika) reali peress li jirrifletti l-prestazzjoni ogħla tal-Port ta' Antwerp meta mqabbel maż-żona ta' Hamburg-Le Havre.

(165) It-tieni fattur li kien parti mill-formula ta' aġġustament tal-MTRs kien it-traffiku attwali ta' PSA u ta' AG fid-DGD fis-sena 2008. F'dik is-sena ġie osservat tkabbir minn sena għal sena ta' 6,3 % fit-traffiku tal-kontejners fil-Port ta' Antwerp. B'kuntrast, mill-2008 sal-2009, it-traffiku tal-kontejners naqas b'– 16,3 % bla preċedent. Taħt l-MTRs li dak iż-żmien kienu jiżdiedu biss minn sena għal sena applikabbli fil-Port ta' Antwerp, PSA u AG inżammu biex jilħqu l-MTRs fl-2009 sinifikattivament ogħla milli fl-2008 ([45]), li, meta t-traffiku ġenerali tal-kontejners naqas drastikament, irriżulta li kien impossibbli. Il-Kummissjoni tqis li kien xieraq li jintuża t-traffiku realizzat ta' kull detentur ta' konċessjoni fid-DGD bħala l-komponent l-ieħor tal-matriċi minħabba li nkella l-użu tat-traffiku realizzat tal-port globali f'Antwerp (li huwa l-ikbar eżempju disponibbli li jmiss ta' żona dejqa) seta' wassal għal riżultati mhux preċiżi. Dan huwa hekk, għax is-sitwazzjoni fid-DGD kienet speċifika ħafna peress li d-DGD kien għadu f'fażi ta' bidu meta bdiet il-Kriżi.

(166) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-aġġustament applikat mill-GHA wassal għall-MTRs li fil-perjodu 2009 – 2012 qabżu t-tunnellaġġi realizzati minn PSA u AG (bl-eċċezzjoni waħda ta' AG fl-2011, meta AG kellu prestazzjoni ftit aħjar mill-MTRs aġġustati mill-ġdid meħtieġa). Għalhekk il-GHA ma rrinunzjatx il-penali dovuti għalkollox. Barra minn hekk, jidher li l-aġġustament tal-MTRs taħt il-Miżura 1 ma kienx ċirkolari, għall-kuntrarju tal-allegazzjoni tal-Ilmentatur. Kieku l-Miżura 1 kienet ċirkolari, PSA u AG ma kienu jkunu obbligati jħallsu l-ebda kumpens fil-perjodu mill-2009 sal-2012.

(167) Il-Miżura 1 għalhekk tibqa' konformi mal-għan aħħari li jiġu imposti penali għall-MTRs mhux milħuqa, jiġifieri li l-penali ma jiġux ittrasformati f'sors ġenwin ta' dħul, qligħ fuq l-investiment jew ħlas għal servizzi/oġġetti pprovduti mill-GHA, iżda pjuttost li jinċentiva l-konċessjonarji biex ikollhom l-aħjar prestazzjoni possibbli fiċ-ċirkostanzi partikolari.

(168) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-metodoloġija użata mill-GHA għall-aġġustament tal-MTRs tidher raġonevoli.

Rilokazzjoni possibbli ta' traffiku lejn portijiet oħra

(169) Rigward id-dubju espress fid-deċiżjoni tal-ftuħ u l-allegazzjoni korrispondenti mill-Ilmentatur li d-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 kienet iġġiegħel lil PSA u lil AG jirrilokaw it-traffiku tagħhom lejn portijiet fejn il-konformità mal-MTRs kienet infurzata strettament, il-Kummissjoni tinnota li PSA u AG, meta kkunsidraw fejn għandhom jimmaniġġjaw it-traffiku tagħhom fis-snin mill-2009 sal-2012, ma setgħux ikunu jafu kif il-GHA kienet se tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-kumpensi għall-MTRs li ma ntlaħqux f'dawn is-snin. Fil-fatt, il-GHA ttrattat biss b'mod retroattiv din il-kwistjoni taħt id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013, għalkemm taġġusta 'l isfel l-MTRs oriġinali applikabbli għal PSA u għal AG, xorta pprovdiet għall-MTRs lil hinn mill-prestazzjonijiet attwali ta' PSA u ta' AG fis-snin mill-2009 sal-2012 (bl-eċċezzjoni waħda ta' AG fl-2011, meta AG kellu prestazzjoni ftit aħjar mill-MTRs aġġustati mill-ġdid meħtieġa). Barra minn hekk, għalkemm il-GHA kienet involuta f'diskussjonijiet ma' PSA u ma' AG fir-rigward tat-tnaqqis fl-MTRs oriġinali (ara f'dan ir-rigward il-premessa 20), il-kontenut ta' din il-komunikazzjoni juri li l-GHA qatt ma kellha l-intenzjoni li tnaqqas l-MTRs fis-sens li l-kumpens għall-MTRs li ma ntlaħqux jitneħħa kompletament. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 ma pprovdiet l-ebda inċentiv għal PSA u għal AG biex jirrilokaw it-traffiku lejn portijiet oħra fejn il-konformità mal-MTRs kienet infurzata strettament.

Ippjanar tal-użu tal-art, mobilità u impjiegi fit-tul

(170) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni nnotat li l-konformità tal-Miżura 1 mat-test tal-MEO ġiet ukoll ikkontestata minħabba l-fatt li d-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 qieset elementi bħall-ippjanar tal-użu tal-art, il-mobilità u l-impjiegi fit-tul.

(171) Il-Kummissjoni tikkunsidra, madankollu, li l-GHA, meta ħadet id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013, kienet prinċipalment immexxija minn kunsiderazzjonijiet ekonomiċi. Il-GHA kkunsidrat l-impatt ġenerali tal-Kriżi fuq PSA u AG iżda wkoll fuq operaturi tat-terminals oħra li għandhom konċessjonijiet fil-Port ta' Antwerp. Barra minn hekk, il-GHA kkunsidrat li mmaniġġjat port ewlieni (it-tieni l-ikbar fiż-żona ta' Hamburg-Le Havre f'termini tat-traffiku tal-kontejners), f'kompetizzjoni qawwija ma' portijiet oħra u b'mod partikolari ma' portijiet oħra fiż-żona ta' Hamburg-Le Havre, u r-riskju li l-kooperazzjoni fit-tul ma' PSA u ma' AG tkun kompromessa kieku l-MTRs ma kinux imnaqqsa (ara l-premessi 148 u 159 ta' hawn fuq).

([45]) MTRs oriġinali: 2008: PSA: 1 010 183 TEU; AG: 665 208 TEU; 2009: PSA: 1 522 103 TEU; AG: 1 023 583 TEU.

(172) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li elementi bħall-ippjanar tal-użu tal-art, il-mobilità u l-impjiegi fit-tul kellhom biss rwol sekondarju fil-kunsiderazzjonijiet tal-GHA meta ħadet id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013.

Theddid ta' tluq mill-Port u riskju ta' litigazzjoni

(173) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ il-Kummissjoni nnotat ukoll li PSA u AG ma setgħux jheddu b'mod kredibbli li jitilqu mill-Port ta' Antwerp f'każ li l-MTRs ma kinux imnaqqsa jew il-kumpens ma kienx irrinunzjat (il-premessa 75 tad-deċiżjoni tal-ftuħ). L-operaturi tat-terminal tal-kontejners ma setgħux itemmu b'mod unilaterali r-relazzjoni tagħhom mal-GHA, filwaqt li l-GHA setgħet tirrevoka kompletament jew parzjalment il-konċessjoni f'każ ta' użu dgħajjef manifest fit-terminal.

(174) Barra minn hekk, id-deċiżjoni tal-ftuħ esprimiet ukoll dubji dwar jekk kienx jeżisti riskju serju ta' litigazzjoni min-naħa ta' PSA u ta' AG (il-premessa 78 tad-deċiżjoni tal-ftuħ). PSA u AG bagħtu ittri li jispjegaw il-perspettivi legali tagħhom lill-GHA fid-19 ta' Frar 2013 u fit-23 ta' Frar 2013, jiġifieri wara li l-ilment intbagħat lill-Belġju għal kummenti fid-29 ta' Jannar 2013. Fi kliem ieħor, ir-riskju kien ikun aktar kredibbli kieku PSA u AG bagħtu dawn l-ittri qabel ma kienu jafu bl-eżistenza tal-ilment.

(175) Minħabba r-rabtiet kuntestwali, dawn il-kwistjonijiet huma vvalutati b'mod konġunt fil-premessi li ġejjin.

(176) Wara li analizzat is-sottomissjonijiet tal-Belġju wara d-deċiżjoni tal-ftuħ u b'mod partikolari l-korrispondenza bejn il-GHA minn naħa u PSA u AG min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni kkunsidrat li fil-fatt kien hemm riskju serju li PSA u AG ikkontestaw l-infurzar tal-penali mill-GHA għan-nuqqas ta' kisba tal-MTRs oriġinali fil-litigazzjoni jew fl-arbitraġġ, kif ukoll riskju kredibbli li tali infurzar ta' penali mill-GHA jiġi rrifjutat mill-bord tal-arbitraġġ jew mill-qorti taħt il-liġi ċivili Belġjana minħabba l-abbuż tad-duttrina tad-dritt ([46]) jew minħabba klawżola ta' penali li tkun ikkwalifikata bħala punittiva ([47]).

(177) Abbażi tal-evidenza kontemporanja disponibbli, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-liġi ċivili Belġjana tabilħaqq tipprovdi l-bażi biex jiġi kkontestat l-infurzar tal-penali kollha għan-nuqqas ta' kisba tal-MTRs kuntrattwali jekk tali infurzar kien jammonta għal abbuż tal-liġi jew il-klawżola ta' penali kellha tiġi kkwalifikata bħala punittiva. Dan huwa kkonfermat mill-fatt li kemm AG kif ukoll PSA użaw argumenti relatati mal-abbuż tal-liġi u l-klawżola ta' penali punittiva meta kkomunikaw mal-GHA qabel id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 ([48]), inklużi memoranda legali mill-konsulenti legali rispettivi tagħhom ([49]). Filwaqt li mhijiex il-Kummissjoni li għandha tippreġudika kemm huma effettivi dawn it-talbiet, huma taw prova li huma ammissibbli u kredibbli biżżejjed, li juri li r-riskju ta' litigazzjoni seta' ġie pperċepit mill-GHA bħala reali.

(178) Barra minn hekk (għalkemm minn perspettiva retrospettiva), is-serjetà ta' dawn l-argumenti minn AG u PSA hija wkoll ikkonfermata mhux biss mill-kontenut ta' […] ([50]), iżda wkoll mill-fatt li kemm AG ([51]) kif ukoll PSA ([52]) fil-fatt ikkontestaw anke l-penali imposti mill-GHA fuq il-bażi tal-MTRs aġġustati, billi sostnew, *inter alia*, l-abbuż tal-liġi mill-GHA u li l-penali għan-nuqqas ta' kisba ta' MTRs aġġustati kienu punittivi u eżorbitanti.

---

([46]) Il-liġi ċivili Belġjana tapprova l-prinċipju ta' "*pacta sunt servanda*", iżda fl-istess ħin tipprevedi fruntieri u eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju. Waħda minn dawn il-fruntieri hija li d-drittijiet kuntrattwali għandhom jiġu eżegwiti "*bona fide*" skont l-Artikolu 1 134, il-paragrafu 3 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan, jiġifieri l-abbuż tal-liġi ("rechtsmisbruik") mhuwiex permess. L-abbuż tal-liġi jista' jseħħ meta parti teżerċita d-drittijiet tagħha b'mod li, b'mod ċar, imur lil hinn mil-limiti tal-eżerċizzju normali ta' dan id-dritt minn persuna raġonevoli u prudenti. Ara Stijns, S., Verbintenissenrecht, die Keure, 2005, Ktieb I, p. 62 et seq., b'referenza għall-ġurisprudenza tal-Hof van Cassatie).

([47]) L-iskop tal-penali kuntrattwali għall-ksur tal-obbligi kuntrattwali huwa li jikkumpensaw lill-parti milquta għat-telf tagħha mġarrab minħabba ksur bħal dan minn parti oħra. Il-penali huma punittivi meta l-iskop tagħhom huwa li jikkastigaw lill-parti li tkun ikkawżat ksur lill-benefiċċju tal-parti milquta fin-nuqqas ta' danni mġarrba mill-parti aggravata. Penali punittivi jmorru kontra l-ordni pubbliku tal-istat Belġjan u jikkostitwixxu raġunijiet għall-fatt li tali penali ma jistgħux jiġu infurzati.

([48]) Pereżempju, l-Ittra ta' PSA tad-19 ta' Diċembru 2011 lill-GHA (sottomissjoni tad-19 ta' Awwissu 2016 mill-Belġju, l-Anness 7.44); kif ukoll l-ittra ta' PSA tad-19 ta' Frar 2013 lill-GHA (sottomissjoni tal-15 ta' Marzu 2016 mill-Belġju, l-Anness 15).

([49]) Memo tal-15 ta' Frar 2012 mill-konsulenti ta' AG (il-preżentazzjoni tal-15 ta' Marzu 2016 mill-Belġju, l-Anness 10); Memo tal-11 ta' Frar 2013 mill-konsulenti esterni ta' PSA (sottomissjoni tal-20 ta' Marzu 2017 mill-Belġju, l-Anness 7.2).

([50]) […] (20 ta' Marzu 2017 sottomissjoni mill-Belġju, l-Anness 7.3).

([51]) Fl-20 ta' Ġunju 2014, il-GHA talbet arbitraġġ għan-nuqqas ta' ħlas ta' penali minn AG għan-nuqqas ta' kisba tal-MTRs aġġustati u l-AG ikkontesta l-penali fuq il-bażi ta' abbuż tal-liġi u klawżola ta' penali eċċessivi (is-sottomissjoni tat-18 ta' April 2016 minn AG bil-memorandum sommarju ta' AG fil-proċeduri tal-arbitraġġ).

([52]) PSA beda proċeduri ta' arbitraġġ kontra l-GHA fit-2 ta' Mejju 2016 u talab lit-tribunal tal-arbitraġġ jordna lil-GHA tħallas lura lil PSA l-penali għan-nuqqas ta' kisba tal-MTRs aġġustati. Ara l-Anness 6 tat-2 ta' Mejju 2016, il-kummenti ta' PSA dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ, kif ukoll l-Anness 7.1(a) u 7.1(b) tas-sottomissjoni tal-Belġju tal-1 ta' Diċembru 2017.

(179) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-kredibbiltà tal-argumenti użati minn AG fil-proċedura tal-arbitraġġ kontra l-GHA hija kkonfermata bid-deċiżjoni tal-arbitraġġ f'dan il-każ ([53]). It-tribunal tal-arbitraġġ ikkunsidra li l-infurzar tal-penali għan-nuqqas ta' kisba tal-MTRs aġġustati skont id-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 ma kienx jammonta għal abbuż tal-liġi skont il-Liġi Ċivili Belġjana. Meta għamel hekk, it-tribunal tal-arbitraġġ qies il-fatt li l-GHA aġġustat l-MTRs fid-Deċiżjoni tal-GHA tal-2013 tagħha wara li qieset il-Kriżi, is-sitwazzjoni fiż-żona ta' Hamburg-Le Havre u s-sitwazzjoni ta' Antwerp f'perspettiva storika, u li tali mġiba kienet konformi ma' dak li jista' jkun mistenni mill-awtorità tal-port raġonevoli u prudenti.

(180) Barra minn hekk, kuntrarjament għal AG, PSA stess beda l-proċeduri ta' arbitraġġ kontra l-GHA u talab il-ħlas lura ta' penali għan-nuqqas ta' kisba tal-MTRs aġġustati.

(181) Fir-rigward tar-riskju ta' litigazzjoni, u b'mod partikolari r-riskju ta' litigazzjoni li ma rnexxietx għall-GHA, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proċedimenti mibdija fil-fatt minn PSA u AG juru li dan ir-riskju kien reali, u li operatur tas-suq prudenti kien jikkunsidra tali riskju meta jieħu deċiżjonijiet tan-negozju.

Konklużjoni dwar il-Miżura 1

(182) Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, huwa konċepibbli li operatur ta' ekonomija tas-suq fil-pożizzjoni tal-GHA kien ukoll jaġġusta mill-ġdid l-MTRs applikabbli kuntrattwalment fid-dawl tal-Kriżi. Fir-rigward tat-tnaqqis mogħti mill-GHA taħt il-Miżura 1, il-Kummissjoni sabet li (i) il-ħin li laħaq għadda bejn il-bidu tal-Kriżi u l-mument meta l-GHA ħadet id-deċiżjoni tagħha ma jikkostitwixxix indikazzjoni li ma kienx hemm konformità mat-test tal-MEO, (ii) il-metodoloġija użata mill-GHA biex jiġi ddeterminat id-daqs tal-aġġustament tal-MTRs tidher raġonevoli, (iii) id-deċiżjoni mill-GHA ma pprovdietx inċentiv għal PSA u AG biex jirrilokaw it-traffiku lejn portijiet oħra li fihom il-konformità mal-MTRs ġiet infurzata strettament, (iv) elementi bħall-ippjanar tal-użu tal-art, il-mobilità u l-impjiegi fit-tul dehru li kellhom biss rwol sekondarju, u (v) li jekk l-MTRs ma ġewx aġġustati, kien hemm riskju reali ta' litigazzjoni mingħajr suċċess li operatur ta' ekonomija tas-suq prudenti kien jikkunsidra.

(183) Filwaqt li jitqiesu dawn l-elementi kollha, il-Kummissjoni ssib, kollox ma' kollox, li l-Miżura 1 trid titqies li tikkonforma mat-test tal-MEO.

(184) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 1 ma tikkostitwixxi l-ebda vantaġġ ekonomiku, la favur PSA u lanqas favur AG. Peress li l-kriterji tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE għandhom ikunu kumulattivi biex miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' dak l-Artikolu, in-nuqqas ta' vantaġġ ekonomiku mhux disponibbli mod ieħor f'kundizzjonijiet tas-suq huwa biżżejjed biex jiġi konkluż li l-miżura li dwarha sar l-ilment ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

6.1.2. *Vantaġġ possibbli mogħti mill-Miżura 2*

(185) Il-valutazzjoni jekk il-GHA, meta adottat il-Miżura 2, aġixxietx bħala MEO, u jekk, bħala konsegwenza, il-Miżura 2 ma kinitx tammonta għal vantaġġ fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE favur AG, teħtieġ li jiġi stabbilit jekk iż-żamma tar-regola 75/125 fir-rigward ta' AG irriżultatx f'vantaġġ li AG ma kienx jikseb kieku l-MTRs oriġinali kienu ddaħħlu mill-ġdid.

(186) Din il-mistoqsija għandha tiġi vvalutata fid-dawl tal-fatt li fl-2014 madwar 30 % taż-żona ta' konċessjoni ta' AG ġiet ittrasferita lil PSA. Meta l-GHA introduċiet mill-ġdid l-MTRs għal AG fl-2015, hija naqqset ammont li jikkorrispondi għat-telf ta' 30 % taż-żona ta' konċessjoni mill-MTRs oriġinali biex tasal għal MTRs ta' 1 247 630 TEU.

(187) Il-Kummissjoni tinnota li fl-2014 AG diġà kien qed jopera f'livell lil hinn mill-MTRs imdaħħla mill-ġdid. Fl-2015, AG reġa' kien qed ikollu prestazzjoni li taqbeż dan il-livell. Il-mistoqsija dwar jekk investitur prudenti ta' ekonomija tas-suq kienx jerġa' jdaħħal l-MTRs għal AG diġà fl-2014 jew fl-2015 biss (kif għamlet il-GHA) mhijiex rilevanti biex tistabbilixxi jekk il-GHA tatx xi vantaġġ favur AG. Fi kwalunkwe każ, l-ebda penali ma kienu jkunu dovuti minn AG lill-GHA għall-2014 u l-2015. Taħt dħul mill-ġdid tal-MTRs oriġinali (aġġustat kif xieraq bit-telf ta' madwar 30 % taż-żona tal-konċessjoni) kif ukoll taħt l-applikazzjoni kontinwa tar-regola 75/125 (f'konformità mal-Miżura 2) AG ma kien ikollu bżonn iħallas l-ebda kumpens lill-GHA.

([53]) Id-Deċiżjoni ta' arbitraġġ tas-16 ta' Settembru 2016 (l-Anness 5 tas-sottomissjoni tal-5 ta' Ottubru 2016 mill-Belġju).

(188) Fir-rigward tad-dubju mqajjem fid-deċiżjoni tal-ftuħ li t-telf ta' AG taż-żona ttrasferita ma jiġġustifikax li jinżamm il-kumpens imnaqqas fir-rigward ta' AG minħabba li AG fi kwalunkwe każ ma kienx juża ż-żona (premessi 82 u 83 tad-deċiżjoni tal-ftuħ), il-Kummissjoni tirreferi għall-premessa 184 ta' hawn fuq u tinnota wkoll li sal-2016 il-GHA introduċiet mill-ġdid is-somma tal-MTRs oriġinali ta' PSA u ta' AG, bl-unika differenza li l-MTRs ta' PSA issa kienu ogħla meta mqabbla ma' dawk oriġinali filwaqt li dawk ta' AG kienu aktar baxxa b'mod korrispondenti. Il-Kummissjoni tiddikjara li l-applikazzjoni ta' somma totali ta' MTRs ogħla minn dawk preċedenti, kif jidher li qed jinvoka l-Ilmentatur, ma tkunx xierqa peress li ż-żona totali ta' konċessjoni disponibbli għal PSA u AG (meħudin flimkien) ma kibritx meta mqabbla maż-żona totali attribwita taħt il-ftehim ta' konċessjoni oriġinali.

(189) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 2 ma rriżultatx f'vantaġġ ekonomiku favur AG. Peress li l-kriterji tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE għandhom jiġu ssodisfati b'mod kumulattiv biex miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' dan l-Artikolu, in-nuqqas ta' vantaġġ ekonomiku mhux disponibbli b'xi mod ieħor f'kundizzjonijiet tas-suq huwa biżżejjed biex jiġi konkluż li l-miżura li kienet l-oġġett tal-ilment ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat.

6.1.3. *Allegazzjonijiet oħra mill-Ilmentatur*

(190) Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-Ilmentatur li l-vantaġġ mogħti lil PSA sal-2012 kompla mill-2013 sal-2016, il-Kummissjoni tirreferi għall-premessa 85 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, li ddikjarat li l-Miżura 2 ittemm kwalunkwe vantaġġ possibbli għal PSA sakemm fuq bażi gradwali biss, u mhux immedjata, reġgħet daħlet l-MTRs oriġinali. Barra minn hekk, huwa l-iskop ta' din id-deċiżjoni li tivvaluta l-Miżuri 1 u 2, kif deskritt fil-premessa 22, u kif inizjalment deskritt fil-premessa 49(i) u (ii) tad-deċiżjoni tal-ftuħ. Minkejja dan, il-Kummissjoni tqis li l-GHA aġixxiet b'mod konformi mas-suq meta ddeċidiet li terġa' ddaħħal gradwalment l-MTRs applikabbli għal PSA. Dħul mill-ġdid immedjat b'effett fl-2014 (kif iddikjara l-Ilmentatur) kien iwassal għal żieda minn sena għal sena (mill-2013 sal-2014) ikbar milli previst taħt l-MTRs oriġinali (ara wkoll il-kummenti magħmula mill-Belġju; il-premessa 153). Għalhekk, dħul mill-ġdid immedjat fir-rigward ta' PSA kien ikun inkonsistenti mal-prattika amministrattiva preċedenti stabbilita mill-GHA fit-twaqqif ta' kuntratti tal-MTRs applikabbli għal operaturi tat-terminal attivi fil-Port.

## 7. **KONKLUŻJONI**

(191) Kif stabbilit fil-premessi 180 u 185, il-Miżuri 1 u 2 ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżuri li l-Belġju implimenta u li kienu jikkonsistu, l-ewwel nett, mit-tnaqqis tar-rekwiżiti kuntrattwali ta' tunnellaġġ minimu u mit-tnaqqis sussegwenti tal-ħlasijiet ta' kumpens dovuti minn żewġ konċessjonarji tat-terminal fil-Port ta' Antwerp b'effett retroattiv mill-2009, u, it-tieni, miż-żamma tar-rekwiżiti mnaqqsa ta' tunnellaġġ minimu fir-rigward ta' wieħed minn dawn il-konċessjonarji wara l-2013, ma jikkostitwixxux għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

Margrethe VESTAGER

*Membru tal-Kummissjoni*